# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ
**L-AKKADEMJA TAL-MALTI**

ĠUNJU
1964


ROYAL UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY

# MA NIMITAWX IZZEJJED

*Waħda mid-drawwiet li qed naraw f'dawn iż-żminijiet dejjem tikber, l-iktar mill-aħħar gwerra 'l hawn, hija dik li nħobbu nimitaw minn għand il-barranin kull ħaġa ġdida li tidħol fil-ħajja ekonomika, artistika, profana, galanti, sportiva, eċċ., — drawwa li għoddha xorbot u tfiet kull lewn karatteristiku ta' pajjiżna; tagħżilna u tifridna minn dik il-prerogativa ta' dak li hu tagħna, u ta' dak kollu wkoll li hu sabiħ u għażiż fina.*

*F'dawn l-erba' kelmiet editorjali ma nistgħux nidħlu fl-irqaqat ta' dan is-suġġett, iżda li nsemmu, u nagħmlu fuq fuq xi kummenti li jinteressaw u joqorsu s-sentimenti nazzjonali, u l-iktar lill-qarrejja ta' "IL-MALTI".*

*Ix-xjuħ għadhom jiftakru sewwa kif minn xi ħamsin sena 'l hawn sar tibdil kbir fid-drawwiet tal-ħajja tal-pajjiż, tad-djar, ta' l-irġiel u tan-nisa, l-iktar fl-ilbies, li madankollu narawh jitbiddel mal-moda minn sena għal oħra u, iżjed ukoll imbagħad, fil-ħajja soċjali li ma tagħżilhiex minn dik ta' pajjiżi kontinentali.*

*Għal dak li hu lbies insemmu biss dik li fuq in-nisa tagħna kienet il-karratteristika tas-satra fl-ilbies nazzjonali tan-nisa Maltin — jiġifieri l-għonnella. Il-lum, l-għonnella, mill-ewwel gwerra 'l hawn, waslet biex tgħib għalkollox mad-dehra ta' l-inġenji ġodda tas-sewqan, fit-traffiku tat-triqat, u ma ssibhiex ħlief stampata fuq xi bolla tal-posta jew fuq xi kartolina flimkien ma' xi tifkira tradizzjonali tal-qdumijiet ta' Malta. Il-lum l-istar fuq ras il-mara, mill-aħħar gwerra 'l hawn, mexa kollu kemm hu fuq dak ta' l-ibliet tal-kontinent ta' l-Ewropa, u ta' artijiet oħra qrib lejna, u sew ix-xebbiet kemm nisa tarahom joħorġu xuxa.*

*It-traffiku fil-gżejjer ta' Malta l-lum biddel ħafna mill-fiżjonomija tal-pajjiż u mill-kwadru tal-ħajja profana u ekonomika tiegħu. It-traffiku tal-lum hija ħaġa li resqet iktar fil-qrib in-nies ta' l-irħula ma' ta' l-ibliet b'tibdil fid-drawwiet, fl-ilbies, u wessgħet ukoll l-isfera*

*intellettwali u progressiva tal-moħħ tal-ġenerazzjoni l-ġdida fiz-zoni u fl-irkejjen kollha tal-Gżejjer ta' Malta.*

*Fil-ħajja mgħaġġla tal-lum, il-mara tad-dar, b'riħet il-progress fl-invenzjonijiet ta' għodod ġodda ta' tisjir u ħasil b'gass u elettriku, naqqset mit-tbatija u ħela ta' żmien, u sa hawn kull tibdil sewa ta' ġid u ma tantx biddel mill-fiżjonomija tal-ħajja ekonomika tad-dar u tal-familja, iżda fl-esiġenzi tal-moda tal-lum, u ta' drawwiet oħra ġodda hemm baħar x'jaqsam bejn il-ħajja Maltija soċjali ta' dari u dik tal-lum.*

*It-twaletta tal-mara, il-gwardarobba tagħha tal-lum, l-istil ġdid tal-mobbli tad-dar, it-tiżjin kapriċċuż ta' ħitan, soqfa, dawl, kmamar, salotti u swali, ta' vetrini kollha fided ileqqu,—id-drawwiet ġodda ta' laqgħat ta' ferħ ta' twelid, għerusija u żwieġ — biddlu għalkollox il-kwadru tal-ħajja soċjali fil-familji Maltin, kwadru li l-lum għoddu wasal biex jidħol fil-pittura ta' Picasso—drawwiet ġodda li difnu għal kollox dawk ta' bilkemm sittin sena ilu. Il-"make-up" tal-mara Maltija tal-lum, b'xi drawwiet oħra li ttieħdu mir-raġel, ma nafuhomx fuqha ħlief minn xi snin 'l hawn, ibda mil-"lipstick", il-"manicure", u spiċċa fil-"jeans" u s-sigarett!*

*L-imitazzjoni u s-self ta' drawwiet u modi minn għand il-barranin, barra milli fil-ħajja ekonomika tad-dar u fil-konvenjenzi soċjali, insibuhom ukoll fil-wisa', f'dawn l-aħħar żminijiet, f'dik li hi arti: pittura, mużika, żfin, kant u letteratura. Il-progress fl-edukazzjoni tal-ġenerazzjoni l-ġdida fetaħ it-triq għal tibdil tal-għaġeb, ukoll fl-isports u logħob taħt l-influwenza ma' soċjetajiet sportivi barranin. Sa ħamsin sena ilu l-"Jazz" kien għadu ma qatilx il-mużika klassika tas-swali, hekk ukoll il-kant modern, li l-lum jimxi mal-motivi ritmiċi sinkopati tal-"jazz", kien għadu ma xorobx dawk il-melodiji tal-kanzunetti u romanzi sentimentali ta' Piedigrotta. Hekk ukoll ir-"rock 'n roll", it-"twist", il-"limbo-rock" u ċ-"cha-cha" kienu għadhom ma qatlux iż-żfin eleganti u kavalleresk tal-"waltz", tal-"barn-dance", tal-"polka", tal-"kontradanza" u tal-"lanċieri" li sa ftit snin, wara l-ewwel gwerra l-kbira, kienu għadhom iħennu s-swali tal-ballijiet u tal-kunċerti. Fil-motivi ġodda sew tal-mużika kemm tal-kant u kemm taż-żfin, il-lum insibu taħsir fil-valur ta' gosti estetiċi li ftit ftit qed joqtlu l-ħlewwa u l-melodija ta' kull mużika serja umanistika, u saħansitra, dik li hi mużika operistika moderna.*

*Il-lum naraw li sew il-pittura kemm l-arkittettura, kemm ukoll*

*il-letteratura, u l-iktar il-poeżija, qegħdin ftit ftit jinfatmu mill-istil tradizzjonali tal-klassiċiżmu u romantiku u fihom jinħolqu motivi barranin b'gosti estetiċi ġodda li ma jaqblux ma' l-istil tradizzjonali, li xi minn daqqiet, ngħidu għal dik li hi arkitettura, jistonaw ma' l-istess ambjent, bħalma nsibu f'xi postijiet ta' xatt il-baħar fejn inbnew djar ta' stil modern, imżewwaq b'kuluri li tellfu l-preġju rustiku tal-kwadru naturali tal-bajjiet ta' Malta u Għawdex.*

*Fil-poeżija Maltija jidher li għadhom ma daħlux ix-xejriet ta' dik il-poeżija ġdida li f'artijiet oħra biddlet il-motivi tal-poeżija tradizzjonali klassika li s'issa rdajna minnha, biex ma nsemmux dawk ix-xejriet moderni li biċċa minnhom mietu, tista' tgħid fin-nieqa, u baqgħet l-aħħar waħda, dik li l-lum tissejjaħ "ermetika".*

*Mill-1912, il-poeżija Maltija, minn dik il-fasla qadima tal-għana Malti, bdiet tidher b'libsa ġdida mfassla fuq dik tal-poeżija klassika Taljana li l-lum narawha qalbet ukoll għall-poeżija romantika li biha l-poeti tagħna żejnu l-ewwel paġni tal-letteratura Maltija, b'versi li jistgħu joqogħdu ma' dawk li naqraw f'ilsna oħra. U, għalkemm sal-lum il-poeżija Maltija ma meddet ebda pass 'il quddiem biex tilħaq l-istil modern ta' Zanella, Pascoli, Carducci u D'Annuzio, għamlet isem saħansitra fil-versi tal-ġenerazzjoni ġdida tal-lum.*

*Jidher, għalhekk, illi l-fasla prosodika u l-immaġinazzjoni poetika Maltija baqgħu s'issa marbutin ma' dawk li nsibu f'poeti Taljani tas-Seklu Dsatax bħalma huma l-Monti, Manzoni, Leopardi—xejriet poetiċi li bihom Dun Karm kiseb l-isem ta' Poeta Nazzjonali.*

*Li kieku Dun Karm fil-versi tiegħu wera xejriet oħra bħal dawk li nsibu fil-poeżija tal-poeti ermetiċi tal-lum, ma kienx jagħmel dak l-isem ta' Poeta Nazzjonali li kiseb fostna. Għad irid igħaddi bosta żmien biex il-mentalità tal-poeti tagħna tintgħaġen bil-ħmira ta' xi poeti moderni tal-lum, u biex mill-banda l-oħra x-xeħta kulturali tal-kittieba u tal-poplu Malti jkunu jistgħu jġerrgħu u japprezzaw il-valur intrinsiku u sintetiku tal-poeżija ta' Ungaretti, Montale, u Quasimodo, — poeżija li wara kollox l-istess kompilaturi ta' l-aħjar antoloġiji jiddefinewha bħala poeżija mudlama, indeċifrabbli, il-għaliex ma tarmi ebda dawl fir-ruħ tal-qarrej.*

A. CREMONA.

# PREXILLA

Ta' GIUSEPPINA ATTARD MONTALTO

L-aħbar tâl-mewt ta' Prexilla ġriet mar-raħal kollu bħal leħħa ta' berqa. In-nies kollha ġew jarawha; id-dar tagħha mtliet bin-nies, iduru u jħarsu, jiflu u jmissu qishom daħlu f'xi mużew. Dik id-dar kienu jafuha, mhux l-ewwel darba li daħlu. Kienet tgħix weħidha għal tant u tant snin. U tassew ħassewhom stramb li Prexilla ma kinetx qed ddur magħhom, kif dejjem kienet tagħmel kull darba li jmorru n-nies u l-ħbieb tagħha jarawha u jgħaddu xi nofs ta' nhar flimkien. Kollha ħassew għaliha, wiċċhom imnikket u bid-dmugħ f'għajnejhom, miġburin fi gzuz jitkellmu fuqha minn taħt ilsien u jibkuha. Ħadd ma jemmen li kienet mejta, ma kinux jistennewha li tmut hekk. Tassew kienet l-aktar mara xiħa fir-raħal, imma ħaġa tal-għaġeb, ma kinetx tidher li kellha ħamsa u disgħin sena. Minn kemm nies xjuħ li kien hemm fir-raħal ħadd minnhom ma jiftakar ir-raħal mingħajr Prexilla, u ħadd ma jiftakarha żagħżugħa. Kienet caħlet fil-ħajja tagħhom bla ma ħadd induna biha, bħal xitla li ma tagħtix fil-għajn ħlief meta tikber u ssir siġra kbira. Forsi kienet għaddiet żgħożitha fid-dell tad-dar kbira u l-ġid li kellha. Imbagħad wara l-mewt ta' zijuha bdiet tidher u titkellem man-nies, li malajr ħadu grazzja magħha u ħabbewha. Fejn setgħet għamlet dejjem ġid, u għenet fejn kienet taf li hemm il-bżonn. Fuqha ħadd ma kien jaf xejn. Kienet sinjura kbira? Kellha lil xi ħadd jiġi minnha? Min kienet? Misteru. Ħadd ma kien jaf xejn, imma kienu jgħidu li ġod-dar, x'imkien moħbija, għandha kaxxa ta' l-injam, imsakkra u ssiġillata, mimlija flus u brillanti. U din il-kaxxa kienet teżisti tassew. Dan kienet qalitu waħda *nurse*, li kienet marret iddur biha meta kienet marida. U issa Prexilla kienet mejta! Imma possibbli li kienet mejta? Din il-mistoqsija kienet fuq fomm kulħadd, bħallikieku mietet xi tfajla mimlija saħħa u ħajja li l-mewt tagħha ġiebet ħasra fil-qalb ta' kulħadd. Għaliex ħaduha daqshekk bi kbira? Mhux kulħadd għandu jmut? Ma kinetx kbira biżżejjed li wieħed jistennieha tmut minn jum għal ieħor? Tassew. Forsi għax kellha wiċċha li ħadd ma seta' jfissru, kellha fiżjonomija mhix komuni; ma kienx wiċċ ta' xiħa u anqas ta' żagħżugħa. Kien wiċċ li ż-żmien ma ħalliex fuqu l-istampa tiegħu, kien ħanin magħha u ħallielha l-ħlewwa tat-tbissima, għajnejn mimlijin ħajja u grazzja fil-movimenti kollha tagħha. Għalhekk in-nies u l-ħbieb tagħha ħadd ma riedha tmut, ma riduhiex tispiċċa, ma jarawhiex iżjed.

Hija kienet taf il-problemi ta' kulħadd, kienet taf l-affarijiet tal-familji kollha tar-raħal, is-segrieti u diffikultajiet ta' kulħadd. Kienu jmorru għandha jgħidulha d-dwejjaq u l-gwaj tagħhom, u hija bil-ħlewwa tal-kelma u l-manieri tagħha, kienet tagħraf tikkonslahom,

u tibgħathom lura f'darhom bi tbissima u b'kelma ta' barka, ta' dik ir-ruħ hekk tajba u ġentili. Iżda ħaġa tal-għaġeb, fuqha ħadd ma kien jaf xejn, ħlief li ma kinetx miżżewġa. Għaliex? X'kien is-sigriet? X'kien l-imgħoddi tagħha? Misteru. Kienu jissuspettaw li f'ħajjitha għandha segriet, u l-fatt li kienet tobgħod l-irġiel kollha kien aktar iħassibhom li f'ħajjitha kien hemm xi ħaġa. Ukoll lit-tfal subien ma kinetx tista' għalihom, kienet tkeċċihom minn madwar il-ġnien tagħha kull darba li kienu jinġabru jilagħbu ħdejh, u mbagħad huma, ta' tfal li kienu, jinbxu l-kelba li kellha, u jekk il-qattusa tkun għal għajn tax-xemx fuq iċ-ċint tal-ġnien, kienu jitfgħulha l-ġebel. Lill-bniet għall-kuntrarju kienet tħobbhom ħafna, żgħar u kbar, ta' kull età, u lil dawk li kienu jaslu biex jiżżewġu kienet tagħtihom somma sabiħa ta' flus bħala rigal tat-tieġ.

Iżda ġara li malli xterdet l-aħbar tal-mewt tagħha, minn x'imkien, minn xi rokna tad-dinja tfaċċat Franġiska, kuġina tagħha. Din kienet mara mdaħħla fiż-żmien, b'nuċċali oħxon u skur fuq imneħirha, imqita u ta' ftit kliem. Din bdiet iddur mad-dar, tikkmanda u tordna, u tinkorla mal-ġirien li kien hemm ġew, għaliex ma bagħtux javżawha li kienet marida. Xi wħud wieġbu li Prexilla kienet talbithom ma jgħidu lil ħadd, oħrajn li lanqas biss ma kienu joħolmu li għandha kuġina. Oħrajn qalu li meta riedu jsejħu lit-tabib, bdiet tgħajjat u ma riedet bl-ebda mod li jidħol it-tabib jaraha.

Fir-raħal kien hemm tabib wieħed, xiħ ħafna, xiħ daqskemm kienet xiħa Prexilla. Raġel miżżewweġ b'uliedu kollha kbar u mxerrdin mad-dinja. Prexilla qatt ma kienet kellmitu, qatt ma sellmitlu, qatt ma ħarset lejh, avolja kien raġel minn tagħna ħafna, qalbu tajba u mill-aħjar; in-nies kollha kienu jirrispettawh ħafna, għax kienu jsibuh magħhom malli jibagħtu għalih. Jiftakru li darba, meta kien hemm xi ħbieb għandha, waqa' l-kliem fuq dan it-tabib, u qalu li darba f'żgħożitu kien għarus u ħallieha ftit granet qabel it-tieġ biex jiżżewweġ oħra aktar sinjura. Iżda dak iż-żwieġ ma kienx irnexxa u għexu dejjem fl-inkwiet. L-għarusa li kellu qabel u telaqha, kienet għabet u qatt ma dehret iżjed jew semgħu x'għadda minn għaliha. Prexilla, meta semgħethom jgħidu din l-istorja, qamet u marret tħares mit-tieqa li kienet tagħti għall-ġnien, bla ma qalet kelma, b'hekk uriethom kemm kienet tobgħod titkellem u tisma' fuq irġiel; kienet qaltilhom li jekk għad xi darba timrad, qatt ma jidħol tabib għandha biex jaraha. Iżda, meta mietet it-tabib kellu jidħol bilfors. Dawk innies li kienu marru għalih, urewh mnejn għandu jgħaddi għall-kamra tagħha, u dehrilhom li rawh jieqaf fejn il-bieb iħares lejn il-katavru, donnu qiegħed jaħsibha fuqu nnifsu u daħal riżolut. Għal ftit baqa' jħares ċass lejn wiċċha, f'għajnejh dehru xi demgħat u minn taħt l-ilsien semgħuh itenni għal darbtejn: "Prexilla! Prexilla!"

Iżda Prexilla kienet mejta u ma setgħetx tisimgħu. In-nies li kienu

madwaru, stennewha tqum u tkellmu tant kemm sejħilha bil-qalb, imma kulħadd jaf li l-mejtin ma jqumux, u Prexilla ma qamitx.

It-testment inqara u l-ħbieb tagħha kollha messhom xi ħaġa b'tifkira tagħha, lil dawk li daru biha, u lill-Knisja ħallitilha somma sabiħa. Id-dar ħallietha lill-kuġina Franġiska u l-kumplament ħalliethom għal ruħha. Iżda t-teżori kbar li kellha maqfulin fil-kaxxa ta' l-injam, imsakkra u ssiġillata, ma ħalliethom lil ħadd. Għalhekk Franġiska kienet sejra tiftaħha, iżda ndunat li għajnejn kulħadd kienu fuqha, kurjużi biex jaraw it-teżori li kellha moħbija, allura talbithom joħorġu u jħalluha weħidha. Jekk kien hemm xi segriet kellu jiġi miżmum moħbi, u l-kaxxa tindifen magħha.

Bil-mod u -kalma bdiet biex tkisser is-siġill u wara li fetħet biċċavetta, li kienet imdendla b'katina mal-manilja, refgħet l-għatu talkaxxa kważi beżgħana. L-ewwel ma dehret kienet biċċa tal-għażel bajda, li kienet tgħatti l-wiċċ kollu tal-kaxxa, neħħietha u taħtha kien hemm xi ħaġa mgeżwra fil-karti strazzi. Warrbet il-karti u dehret libsa tas-satin bajda ta' għarusa, velu twil tal-bizzilla mill-isbaħ u kuruna taż-żahar, kollox maħdum b'gost u bi grazzja kbira. Taħt dawn, kien hemm il-bjankerija kollha rakkmu, bizzilli u żigarelli, kollox maħdum b'sengħa li ma bħalha li kienu tassew xi ħaġa meraviljuża. Ta' min kienu dawn? Għal min kienu iddestinati? Kienu ta' Prexilla? Minnhom ħarġet il-fwieħa ta' l-ispiga mħallta mar-riħa tal-għeluq billi kienu ilhom imsakkrin hemm ġew is-snin. Kemm-il sena? Min jaf. Min jista' jgħidu. Iżda ż-żmien ma għarraqx dawk il-ġmilijiet maħdumin b'tant grazzja u paċenzja u b'tant tama u mħabba bħalma għarrqu l-qalb ta' Prexilla.

Wiċċ Franġiska ħa qagħda ta' niket, għajnejha mtlew bid-dmugħ u ippruvat taħseb... taħseb, tmur lura fiż-żmien meta Prexilla kienet żagħżugħa, biex tara tiftakarx xi ħaġa. Allura rat bħal viżjoni u minn moħħha bdew għaddejjin tifkirijiet ta' l-imgħoddi.

Kienet għadha tifla żgħira, tiftakarhom isemmu dwar ir-romanz tal-kuġina Prexilla u ta' student tal-mediċina. Mela kien forsi f'dak iż-żmien li bdiet taħseb biex taħdem dawk il-ġmilijiet li kellha maqfulin fil-kaxxa? Imma jekk tiftakar sewwa dak it-tabib kien iżżewweġ ma' waħda sinjura, filwaqt li Prexilla b'imħabba u fedeltà baqgħet dejjem tistennieh ġej lura, toħlom ħolm sabiħ u tibni kastelli fl-arja.

Franġiska kompliet tfittex fil-kaxxa, u fil-qiegħ nett kien hemm mazz ittri, marbutin b'żigarella ħamra. Hadithom f'idejha u bdiet iddawwarhom, ma tafx jekk għandhiex tħollhom u taqrahom. F'idejha kellha s-segriet, il-qofol ta' l-imħabba ta' Prexilla, setgħet tkun taf l-istorja ta' dik l-imħabba, ta' tradiment u ta' abbandun.

Iżda filwaqt li kienet sejra tħoll iż-żigarella dehrilha li qiegħda tisma' lil xi ħadd jibki, ilfiq li kien ġej mill-bogħod. Żgur ġiet xi ħabiba tagħha taraha u nfexxet tibki ħdejn il-katavru tagħha. Kompliet ix-xogħol tagħha. Issa kienet diġà ħallet iċ-ċoff u l-ittri tferrxu

f'ħoġorha. Hawn il-biki u l-ilfiq aktar żdied, bħal donnu xi ħadd iddisprat qed jitlob għajnuna. Beżgħet, qamet bl-ittri f'idejha tħares madwarha fil-kamra. Ħdejha ma kien hemm ħadd. Żgur xi ħadd minn fuq. Iva l-biki kien ġej mill-kamra tal-mejta. Kien biki ta' niket li jaqsam il-qalb. Ħarġet tiġri, deffset l-ittri fil-but tad-dublett u bdiet tgħajjat lil dawk in-nies li kienu miġburin fil-kamra l-oħra. "Isa, malajr, ġibu xi kutri, xi ħaġa x'tixrob, u ejjew fil-kamra ta' Prexilla... malajr iddumux... Ġejja... ġejja Prexilla... ġejja ħdejk...". Iżda x'ħin waslet u poġġiet idha fuq il-pum tal-bieb, il-biki waqaf fil-ħin, u x'ħin daħlet ħassitha sejra tħossha ħażin. Prexilla kienet stenduta fit-tebut, b'idejha msallbin fuq sidirha, wiċċha kalm, l-istess kif kienu ħallewha ftit ilu, u fil-kamra ma kien hemm ħadd ħlief il-katavru. Franġiska poġġiet mal-bieb biex ma taqax, in-nies li kien hemm kollha nġabru madwarha, min bil-kutri, u min b'kikkra misħun, iżda hija mbuttat lil kulħadd lura u għalqet il-bieb. Ħasbuha ġġennet. "Skużawni" qaltilhom, "għandu jkun li ħlomt". Reġgħet lura weħidha fejn kienet qabel, fejn ħalliet il-kaxxa miftuħa u l-ħwejjeġ mifruxin barra mill-kaxxa.

Wara li għalqet il-bieb, ħarġet l-ittri mill-but u reġgħet rabtithom bil-mod kif kienu qabel u poġġiethom fil-qiegħ tal-kaxxa. Imbagħad bil-ħlewwa kollha bdiet tistiva bil-galbu kollu dik il-bjankerija fina u sabiħa, bil-proprjetà kollha twiet il-libsa tat-tieġ u l-velu li darba kellu jżejjen dik ir-ras li fi żmienha kienet tant sabiħa, għattiethom bil-karti strazzi u poġġiethom fil-wiċċ, u fl-aħħar għattiethom bil-biċċa tal-għażel bajda kif kienu qabel. Imbagħad għalqet il-kaxxa, sakkritha u ssiġillata. Fehmet li dak is-sigriet ħadd ma kellu jkun jafu. B'vuċi mitfija tenniet għal aktar minn darba: "Strieħ fil-paċi, imsejna Prexilla, is-segriet tiegħek jindifen miegħek".

U meta l-għada l-katavru tagħha niżel fil-qabar, il-kaxxa segrieta niżlet magħha biex tintrafa' maġenbha hemm ġew, taħt irħama kiesha, fejn id-dud u t-trab iġibuhom fix-xejn.

## KRONAKA TA' L-AKKADEMJA

**NIFIRHU lill-Patri A. PREVI, O.P., Membru Akkademiku tal-Għaqda, li ħa l-Ewwel Premju tal-Konkors Drammatiku mniedi mill-Kumpanija tar-Rediffusion.**

**Il-kummiedja soċjali tiegħu "Il-Għaqda Kontra l-Faqar" ġiet l-ewwkel fost sebgħa u ħamsin xogħlijiet li kienu mibgħutin għall-Konkors.**

# LIS-SUR TONIN

## Ta' WALLACE Ph. GULIA

Kien ilu ma nafx kemm
lill-messaġġiera jwiddeb
li ma'-pubbliku baħnan
ma jridx jitħallat,
għax għandu x'jagħmel wisq;
u allaħares xi messaġġier
għax nesa, jew għax mistħi jew imġiegħel
minn xi pampalun imdaqdaq
li fil-kurituri jgħajjat daqs ħmar u bħalu jinħaq
li "d-dinja taqa' JEKK LIS-Sur TONIN
ma nkellimx fil-waqt!",
kien daħħallu lil xi ħadd jaqtagħlu
is-safa ta' ħsebijietu għolja
fuq kif l-aħjar il-poplu jgħix u jgħammar
min-nieqa sat-tebut ta' taħt l-irħama;
għax jintiliflek minnu nnifsu,
jibki li ħadd ma jifhmu,
ħadd għalih ma jħenn,
ma jisma' talbu;
kulħadd mir-rispett nieqes,
u ħadd ma jifhem kemm irid iġarrab
uġigħ il-ħlas sakemm il-ħsieb jitwieled
safi għal ġid il-poplu!
li baħnan u nieqes mill-għerf li jdawwal ġenji bħalu,
jintilef fix-xalar ta' nhar ta' Ħadd
bla jifhem
ħadd ieħor kemm jitħabat għalih u jħobbu!

Fis-sikta ta' kamartu
arah lis-Sur Tonin iqalleb
kotba w karti,
megħjun minn sigarett jaħraqlu idu
u kikkra tè li sserraħ
uġigħ il-ħlas tal-ħsieb;
imma meta tasal biex tfeġġ il-lehma
iċċempel il-qanpiena tat-telefon, twerżaq, tgħajjat,
issieħlu għal ma' ġenbha,
tamarlu jħalli kollox, kollox jinsa, karti w kotba,
il-ħsieb imur; il-lehma lura terġa',
bla ħajr il-poplu jibqa'.
Tat-telefon biss is-Sur Tonin qaddej fidil.

Mat-telefon ma jilgħabx:
minn sħabu jwarrab, min-nies u mill-baħnana.
Iżda dik il-qanpiena
tqanqal il-kurżità:
Min jaf min hemm?—
xi ħadd fis-setgħa sew?
xi xagħar qamħet il-lewn?
xi kisra t'għajnejn suwed kbar?
XI HADD LI JISTA' jagħtih tarf għat-taħbil imgerfex
tal-kobba li għaddewlu biex iħoll?

Bil-ġirja jqum is-Sur Tonin u jwieġeb:
"Is-Sur Tonin hawnhekk", BIL-QIMA KOLLHA:
Lanqas ilsir quddiem in-nerf ta' sidu
ma kien iwieġeb b'dik il-ħlewwa,
il-leħen li jistieden, jagħti x'jifhem:
"Kollox sewwa,
Hawn jien arani,
id-dinja ma taqax,
għax fuq spallejja nżommha".
Filwaqt b'subgħajh it-trab mill-ġlekk itajjar,
u t-tinja tal-qalziet jirranġa.

# GEORGE JOSEPH VELLA (1884-1962)

Ta' IVO MUSCAT AZZOPARDI

M'ilux, jiġifieri fl-4 ta' Lulju, 1962, miet f'tas-Sliema s-Sur George J. Vella.

Ftit huma dawk li taw każ ta' din l-aħbar ħlief xi ftit li jiġu minnu, xi ftit ħbieb tiegħu—fosthom is-Sur Ġużè Bonello u xi membri tal-Każin tal-Banda ta' San Ġiljan.

Inċidentalment se ngħid li s-Sur G.J. Vella, flimkien ma' Fredu Nicholas, li fi xjuħitu reġa' rtira Malta mill-Eġittu u miet xi snin ilu, u Gużè Bonello, li għadni kif semmejt, kienu tlieta mill-aqwa kolonni Maltija tal-Kajr u jisthoqqilhom kull ġieh u tifħir.

Imma aħna f'Malta għandna l-għada ħażina li dawk il-Maltin li jsiefru minn hawn, donna ninsewhom u ma nirrealizzawx x'ġid kbir ikunu għamlu għal isem Malta fost il-barranin.

U jien minħabba din il-għada ħażina, li nixtieq tassew li tinqata', iddeċidejt li nissokta nikteb u nħabrek biex ngħid kulma naf fuq dawn il-patrijotti.

U kif irnexxieli nikteb il-bijografija ta' Icilio Calleja, Joseph

Georges Pisani, Alexander Grech, Fernand Gregh, Louis Gregh, Joseph Edward Doublet, John Giordmaine, u oħrajn, il-lum se nkellimkom fuq il-bravu George J. Vella.

Il-karriera, bħala emigrant, tal-ħabib tagħna Vella tista' tiġi maqsuma fi ftit versi. Wasal fil-Kajr ta' l-Eġittu fl-1909 u b'xi tbatija sab post ta' skrivan miż-żgħar ma' l-*Anglo-American Nile Tourist Co.*, u baqa' magħhom sa l-1946, meta ħalla l-Eġittu biex jerġa' lura f'art twelidu. Bħala professjoni kien kontabbli u kellu l-grad ta' F.A.I.A.

Daħal bħala skrivan żgħir, kif għidna, u ħareġ bl-unuri kollha bħala "Manager" mibki minn kulħadd għax George kien ċajtier, qalbu tajba, iħobb igħin il-proxxmu u, fuq kollox, patrijott, u mogħni bl-imħabba tiegħu għal Malta, l-Ilsien tagħna u l-Maltin bħalu.

Imma jekk il-karriera tiegħu għal ħobżna ta' kuljum kienet għal 37 sena sħaħ rutina waħda, iddur dejjem fuq l-istess fus, imma tipperfezzjona ruħha dejjem, ma nistgħux ngħidu l-istess għall-ħajja soċjali tiegħu.

Vella kif rifes fil-Kajr mill-ewwel induna li l-Kolonja Maltija kienet tinsab soċjalment wisq lura mill-oħrajn u ħass li fost dawk il-ħafna kolonji ta' l-Eġittu, aħna konna mifrudin forsi wkoll minħabba l-kobor ta' dik il-metropoli.

Toqgħod tiġri wara kull Malti u tfiehmu li s-saħħa tan-nazzjonijiet tinsab fil-għaqda u l-komunitajiet f'pajjiż kosmopolita mhumiex ħlief nazzjonijiet żgħar miġburin taħt il-mant ta' nazzjon kbir, ma kienx possibbli u għalhekk ħasibha biex joħroġ ġurnal bil-Malti: "L-Istandard tal-Maltin", li deher l-ewwel darba fl-1 ta' Awissu, 1909 u baqa' jidher għal tliet snin sa l-1912. Imbagħad kellu jieqaf. Imma fl-1919 reġa' deher b'saħħa aqwa u dam jidher sa' l-1924 meta kellu jieqaf minħabba nuqqas ta' finanzjar.

Imma sadattant il-propaganda għall-għaqda fost il-Maltin bdiet taħdem ġmielha għax fl-1910 saret għall-ewwel darba l-Kommemorazzjoni tal-Festa Nazzjonali tagħna fis-Sala *Magriplis* u fl-1911 it-*Trio Pericle Cirigottis*.

Ġużi Bonello u George J. Vella waqqfu Filodrammatika Maltija taħt l-isem ta' "Mannarino".

F'dan l-istess żmien reġgħet ħadet il-ħajja "Ix-Xirka għall-Għajnuna ta' Xulxin" (12 ta' Frar, 1910) li kienet twaqqfet bosta snin qabel, imma mietet għal kollox fl-1882 meta l-Ingliżi ibbumbardjaw Lixandra u l-Maltin kellhom iħallu l-Eġittu għal xi żmien.

Ta' din ix-Xirka benemerita seħibna George kien kemm-il darba President u sakemm miet baqa' President Onorarju u Ko-fundatur. F'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mit-twaqqif tax-Xirka Maltija tal-Benefiċenza tal-Kajr, jiġifieri fid-9 ta' Frar 1935, fil-*"Bulletin tal-Guides* u *Scouts Maltin"* Nru. 32, dehru dettalji kollha meħtieġa għal tagħrif xieraq ta' din il-kommemorazzjoni li għaliha saru festi kbar.

U meta għalqet 35 sena ħajja, deher programm souvenir li tassew

ta' min igħożżu għax juri kemm tassew kienu jħobbu lil Malta l-Maltin Eġizzjani u kemm ħadmu għall-isem tajjeb u għażiż tagħha.

Imma dan il-patrijott donnu ma kellux kwiet f'ġismu u fl-1921 waqqaf il-Għaqda tal-*Boy Scouts* Maltin.

George sadattant ma nfatamx għal kollox minn Malta u kultant kien jibgħat xi kitba minn tiegħu biex tidher f'xi ġurnal ta' Malta, l-aktar biex ifaħħar il-ħidma tal-Maltin sħabu tal-Kajr u wieħed minn dawn l-artikoli ta' min isemmi huwa dak li fl-20 ta' Jannar, 1912, deher fil-"Malta Tagħna" fejn kiteb il-bijografija tal-kompjażan tagħna Antonio Aquilina Bey li għolla ħafna isem Malta bil-pożizzjoni soċjali tassew għolja li kien kiseb fil-Kajr.

George Vella, wara li ħadem biex twaqqfet il-Benefiċenza, Filodrammatika, Scouts u bdiet tiġi ikkommemorata l-Festa Nazzjonali, ħass li għandha ssir xi ħaġa biex jingħaqdu l-Maltin kollha ta' l-Eġittu u hawn bdiet taħdem is-solita għira, u beda l-antagoniżmu u Vella kellu jsofri ħafna insulti ta' Dittatur, Dimekkjan u Rivoluzzjonarju.

Imma Vella minn dan kollu ma kien xejn. Kien sempliċement patrijott u l-ħidma tiegħu fl-aħħar tat il-frott tagħha għax f'erbat ibliet ta' l-Eġittu twaqqfu dawk l-organizzazzjonijiet imsejħa "Kumitati tal-Komunità tal-Kajr, Lixandra, Port Said u Swejż". U wara żmien rappreżentanti minn kull belt kienu jiffurmaw il-Kumitat Ċentrali tal-Maltin ta' l-Eġittu.

Il-Kunsill tal-Kajr ħatar lis-Sur George J. Vella bħala Membru Onorarju ta' dan il-Kunsill.

Is-Sur George J. Vella waqqaf ukoll il-*Moviment tal-Girls Guides* u għal din il-ħidma Lord Baden Powell fl-1934 ippreżentalu l-midalja "Thanks Badge" għas-servizzi tiegħu lejn il-Moviment ta' li Scouts.

Ma rridx ninsa ngħid li fil-5 ta' Settembru, 1928, Kummissjoni ta' erbgħa minn nies ġiet mill-Kajr biex iżuru lill-Prim Ministru ta' Malta u fosthom kien hemm George Vella u Ġużi Bonello.

Milli jidher il-Prim Ministru ma kienx f'Malta u għalhekk laqagħhom il-Prof. Augustus Bartolo li kien Aġent Prim Ministru.

Fil-1937, ix-Xirka Maltija tal-"Mutuo Soccorso" li tagħha kien President George Vella u r-ruħ tagħha wkoll, kienet fl-aqwa tagħha: Bulletin li jagħti l-aħbarijiet kollha bid-dettalji ta' kulma kienet qed tagħmel il-Kolonja Maltija tal-Kajr, kien joħroġ regolari.

Il-ballijiet organizzati minn din ix-Xirka kienu frekwentati ħafna u s-soċji bdew joktru.

F'dan il-Bulletin bdiet issir propaganda kbira biex l-Ingliżi jiftħu skola għall-Maltin u bis-saħħa tal-kelma ta' l-Avukat Robert Borg u l-propaganda ta' seħibna George Vella fl-aħħarnett Lord Lloyd, li kien jissimpatizza ħafna magħna, qatgħalna xewqitna.

L-iskola nfetħet, bdiet tiġi frekwentata minn bosta Maltin li setgħu jitgħallmu tajjeb bl-Ingliż u dan sewa bosta għall-futur tagħhom għax qabel kienu jafu biss, barra minn b'ilsienhom, bit-Taljan u

bil-Franċiż u kienet ħaġa naturali li d-Ditti Taljani u Franċiżi mhux se jagħtu ċans lill-Maltin u jbarru lill-kompaeżani tagħhom.

George Vella kien jara mill-bogħod u l-ħidma tiegħu swiet mitqilha deheb.

Meta fil-bidu ta' l-1946 telaq mix-xogħol u rtira, Malta ġie joqgħod f'San Ġiljan. Is-subborg għoġbu u sar midħla tal-Banda u daħal soċju regolari f'Marzu ta' l-1952 u fi Frar tas-sena 1953 tellgħuh Membru tal-Kumitat.

Avolja issa kellu qrib is-70, l-enerġija tiegħu kienet għadha ħajja u ried kieku jagħmel xi ftit tal-ġid lill-Banda. Għalhekk qatagħha li mingħajr ma jtaqqal il-finanzi tal-Każin jiġbor flus biżżejjed biex jagħti lill-Bandisti uniformi ġdida. Kien hemm bosta li għamluha minn buthom u dan għen ħafna biex il-proġett isir malajr.

Il-Membri tal-Kumitat u l-Bandisti kienu jħobbuh ħafna u ħatruh bħala rappreżentant tagħhom fil-*Bands Association*. Kien ukoll jagħmel sehem mis-*Civic Committee* ta' San Ġiljan. Ried kieku jiftaħ Librerija għall-Membri, imma dan il-proġett, kif ukoll xi oħrajn, ma rnexxewx.

George Vella għal bosta raġunijiet kellu jitlaq minn San Ġiljan. Mindu telaq qalbu donnha kienet tnikktet. Is-snin ukoll bdew juru fih u kif għidnielkom fil-bidu, miet fl-4 ta' Lulju, 1962.

Kien twieled il-Birgu fil-11 ta' Novembru, 1884.

---

## DEHRA

Ta' PATRI ĠUŻEPPI CREMONA, O.F.M.

Hemm, fuq dik l-Għolja Mqaddsa tal-Mellieħa,
Ħdejn dak il-baħar kwiet, ħdejn Xatt l-Għadira,
Erfajt għajnejja, rajt dehra sabiħa:
Bejn sħab bħan-nar ileqqu, Xebba żgħira.
Rajtha bħas-susan abjad kollu fwieħa.
Rajtha bħax-xemx fis-sebħ. Għidt: "Din l-Amira(1)
Ta' l-Art u tas-Smewwiet, Warda ta' Ariħa"(2)
Bejn dwal u kwiekeb rajtha. Oh dehra kbira!
Hemm, fuq dik l-Għolja Mqaddsa tal-Mellieħa,
Rajtha mbikkija tħares lejn dil-Gżira.
Rajt Malta tibki magħha u b'fidi sħiħa
Tgħid: "Aħfer, Xebba, jien tad-dnub irsira".
Ferħan, jien rajt did-dehra hekk sabiħa,
Hemm fuq dik l-Għolja Mqaddsa tal-Mellieħa,

Nota: (1) Amira, mill-kelma "amar", jikkmanda: bl-Għarbi "amira" tfisser "Prinċipessa" jew "Bint is-Sultan".
(2) Warda ta' Ariħa: "Rosa ta' Ġeriku" (Eccl).

Ramle, Israel,
28 ta' Awissu, 1963.

# ALLAT TAL-ĠEBEL

Ta' DUN FRANS CAMILLERI

Kien żmien tad-dlamijiet...
Il-bnedmin,
imċaħħdin miċ-ċiviltà,
emmnu fl-allat, u biex jagħtuhom qima
waqqfu l-ġebel ma' xulxin
u nxteħtu mwerwra lejl u nhar quddiemhom
għax fix-xbihat tal-ġebel, kbir u għoli,
lemħu l-kobor ta' l-allat.

* * *

U feġġ il-jum tad-Dawl.
Wara Kristu li ċarrat id-dalma
u xandar lil Alla — Alla Wieħed —
mhux bħall-allat tal-ġebel imma spirtu,
iġġarrfu t-tempji u x-xbihat ta' Ruma
u nbnew il-bażilki tal-għaġeb
fejn l-eluf kbar ta' Nsara
taw qima 'l Alla u raw il-kobor Tiegħu
fiċ-ċokon tax-xbihat ta' Ħobż u Nbid.

* * *

Il-lum iċ-ċiviltà xterdet mad-dinja
u ngħixu ż-żmien tad-dawl...
Iżda l-bażilki l-kbar li jżejnu 'l Ruma
qdiemu bħat-tifkiriet
u sfaw mużewijiet ta' l-arti
fejn jidħlu n-nies għarriexa
mhux biex iqimu 'l Alla
imma biex juru l-ikbar għożża u qima
lejn dak il-ġebel — ġebel kbir u għoli —
li jilmħu fih il-kobor tal-bnedmin.

# ROBERT MIFSUD BONNICI JAGHLAQ 80 SENA

## SERATA F'ĠIEHU MILL-GĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITA') FIL-11 TA' APRIL 1964



R. Mifsud Bonnici

Ftit huma dawk li ma jafux lil Robert Mifsud Bonnici, sew mill-kitba letterarja tiegħu u aktar minn dik polemika li tidher ta' sikwit fil-gazzetti kollha. Robbie ilu jikteb żmien u stampa kotba reliġjużi, xogħlijiet bijografiċi, u xi drammi. L-għan tal-kitba tiegħu kien li jgħallem lil min hu anqas xortih tajba minnu, għax ma kellux ix-xorti li jmur skejjel sekondarji biex idawwal moħħu.

Imma l-akbar xogħol ta' Robbie hu dak id-dizzjunarju Bibljo-Bijografiku li daħal għalih meta kellu xi 75 sena, meta nies oħra ta' fibra anqas minn tiegħu kienu jistrieħu bi kwiethom wara l-ħidmiet ta' dawk is-snin kollha. Imma Robert mhux hekk. Ma jemminx bil-mistrieħ, u issa li għandu 80 sena, wara li temm id-dizzjunarju, għamel indiċi tal-manuskritti kollha li hemm fit-taqsima tal-Librerija.

U jekk forsi mhux kulħadd jaqbel dwar il-post li jixraqlu Robbie fil-kitba ta' Lsienna, kulħadd jaqbel li għall-bżulija (flimkien ma' Ninu Cremona) hu minn ta' quddiem. U għal din ir-raġuni l-Għaqda tal-Malti (Università) riedet turih, f'isem il-ħbieb tal-Malti, l-apprezzament għall-ħerqa u ħeġġa li biha dejjem ħaddem il-pinna tiegħu.

Dawn is-Serati li saru minn din il-Għaqda huma ta' inkoraġġiment lill-Kittieba tal-Malti, li kull tant ma jsibux tul ħajjithom ħlief tmaqdir, bruda, u jekk mhux ukoll stmerrija minn xi Maltin li għadhom kollha ħrara għal kull ħaġa barranija u ħars ikrah għall-affarijiet tagħna.

Tassew li konna nistennew aktar nies għas-Serata f'ġieh Robert Mifsud Bonnici; għallanqas sħabu l-kittieba messhom kienu aktar numerużi, għall-programm li kien qasir u mżewwaq.

Il-Professur Ġ. Aquilina wera l-mertu ta' Robert Mifsud Bonnici, bħala kittieb didattiku u għalhekk hu l-għaqda bejn il-kittieba tas-seklu l-ieħor, Preca, is-Sur Fons u l-ġenerazzjoni tal-lum. Ġ. Cassar Pullicino qal li għalkemm saru xi tentattivi biex jinċammu l-ħidmiet ta' Maltin ħajjin u mejtin, ħadd ma ġabar l-għadd u t-tagħrif li Robert Mifsud Bonnici ta fid-Dizzjunarju tiegħu.

Biex is-serata tkun tabilħaqq Maltija tkantaw melodiji tas-surmast J. Abela Scolaro, F.L.C.M., fuq il-versi ta' Dun Karm, R. Briffa u Prof. A. Cuschieri minn Hilda Mallia Tabone u Lino Gatt waqt li l-pjanista Josephine Grech Mercieca daqqet biċċiet ta' Chopin, Listz, u Schubert.

L-istudenti qraw siltiet drammatizzati minn xi xogħlijiet ta' Robert Mifsud Bonnici, u fl-aħħar l-*isketch* "Ma riedx jiżżewweġ" waqt li l-egħluq sar mill-E.T. Reverendissima Mons. Arċisqof li faħħar lil R. Mifsud Bonnici u sejjaħlu iben fidil tal-Knisja u kittieb appostoliku.

Nittamaw li għall-quddiem l-istudenti fuq l-eżempju tas-Sur Ġużè Cardona jissuktaw jagħtuna aktar serati bħal dawn f'ġieħ kittieba, ukoll meta s-Sur Cardona jispiċċa mill-kors, biex b'hekk ma tmutx din il-ħidma mibdija minn Wallace Gulia u Guido Saliba fl-1947 u li s-Sur Cardona żamm ħajja bejn l-1960 u l-1964.

Ad Multos Annos lil Robert Mifsud Bonnici f'isem l-Akkademja tal-Malti, u prosit lill-Istudenti kollha li ħadu sehem f'din is-serata.

KRONOS.

---

## QTIGH IL-QALB

Ta' PAUL THEUMA

U meta fl-imġħoddi int tħares u tilmaħ
Xi rdum għaddejt minnu u kemm għad trid tbati,
U iswed iberraq iż-żmien li għad jiġi,
La taqtax qalbek.

U meta mmaqdar minn għajrek u ħbiebek,
U ngieges jinżlulek il-kliem tal-għedewwa,
U xefaq imkien ta' hena ma jfiġġlek,
Tħabbeb mas-Sewwa.

# META L-MARA TIBQA' TMIERI

## KUMMIEDJA B'ATT WIEĦED

Ta' A. CREMONA

*(Ix-Xena tissokta mill-aħħar Nru. ta' "Il-Malti", Marzu 1964, paġna 18)*

**Karolina:** U żgur ukoll!... Issa twebbel bid-dar ta' San Pawl il-Baħar... Xi ħaġa hemm fin-nofs biex reġa' bdielu. Ara, Ġamr, mur itlaq dawk ix-xtieli fil-kamra tal-ġnien u mbagħad ngħidlek jien fejn tħawwilhom.

**Ġamri:** Isma', sinjura... jien kont għidtlek li ma biħsibnix noqgħod iżjed ġo did-dar.

**Karolina:** Toqgħod sakemm ngħidulek.

**Ġamri:** Le, sinjura; ngħidlek quddiem is-Sinjura Dovina u quddiem das-sinjur li ma jistax ikun li nibqa' hawnhekk. Dak jordna ħaġa u inti oħra...

**Karolina:** Dan mhux mument li toqgħod iġġibli dawn il-kawtieli. Mur, u agħmel dak li għidtlek. Hawn das-sinjur... u ma nistax naħli ż-żmien miegħek.

**Ġamri:** *(Lis-Sur Ġervażju).* Skużani, sinjur... għax quddiemek qed nitkellem b'dal-mod... *(Lil Karolina).* Ara, sinjura, il-lum sbaħt hawn, imma għada ma nafx jekk nisbaħx hawnhekk. *(Joħroġ).*

**Karolina:** Kulma jiġi quddiemi, kollox bil-maqlub ta' dak li rrid jien. Issa naraw x'se jinqala' ...Skużani, Sur Ġervażju, emminni li kultant ma nafx fejn nibda nagħti rasi... żewġi minn banda... u l-oħrajn mill-banda l-oħra; kieku ssir xi ħaġa bħalma nixtieqha jien... X'destin!

**Ġervażju:** Hu paċenzja, sinjura... Mhux kulħadd fehma waħda... jeħtieġ li wieħed jagħder lil xulxin... Bħalma għidtlek, is-Sur Ġan Feliċ dak li jagħmel huwa għall-ġid tad-dar u mhux biex jikkuntrarjak... raġel li dejjem fittex l-interessi tad-dar... Naħseb li dis-sinjura tgħid bħali, hux tassew...

**Dovina:** Altru li hekk...

**Karolina:** Daż-żgur... Xi tridha tgħid is-Sinjura Dovina... Mara waħidha. Ħsieb ta' ħadd, ħlief tagħha nfisha... Kellha bżonn kienet bħali bi tlieta min-nies, li ma nafx x'nibda nsejħilhom, minn filgħodu sa filgħaxija, erħilhom imeruni għal kull nifs li nieħu, ibda minn dak żewġi, binti u spiċċa f'dak l-iżmagat ta' ġennien...

**Ġervażju:** Bniedem xiħ... la tasal ċerta età ftit jew wisq issir bisbetku... la tiħux għalih, sinjura...

**Karolina:** Qallek hu... bix-xjuħija tiegħu, dlonk jisserdak u jhedded li jrid jitlaq... malli tagħmillu daqsxejn ta' osservazzjoni... Għandek tgħid li dak żewġi telaqlu r-riedni kollu f'idejh... il-ġnien għamlu tiegħu...

**Sofie:** *(Tidħol b'nifisha maqtugħ).* Ma, tiela' sinjur mat-tifel tiegħu... Kienu fl-istudju mal-papà...

**Karolina:** Jaqaw ġie dak is-sinjur li jrid ibigħ il-villa ta' Ħal Balzan?

**Sofie:** Ma nafx, ma. *(Karolina tmur tittawwal mill-bieb. Sofie lil Dovina, b'leħen li bilkemm jinstama'):* Zi, qis li ssewwili xi kelma mal-papà. Aldo mal-papà tiegħu.

**Dovina:** Iskot. Halli f'idejja.

**Ġan Feliċ:** *(Lill-Baruni Ciantar huwa u dieħel miegħu ma' Aldo):* Jien, biex ingħidlek, kont biddilt il-ħsieb... għax wara kollox il-mara trid toqgħod fiha l-iktar... *(Lil Karolina):* Karolin, das-sinjur huwa l-Baruni Ciantar, sid id-dar tal-villa ta' Ħal Balzan, u dan li hawn miegħu, ibnu, il-Barunċin. Jismu?...

**B. Ciantar:** Aldo.

**Ġan Feliċ:** Għadu jistudja, hux tassew?

**B. Ciantar:** Iva, l-Università, għal kors ta' spiżjar. Imma xahrejn oħra jkun spiċċa mill-kors.

**Ġan Feliċ:** Għandi pjaċir. Jalla l-Bambin ikompli miegħu. X'jidhirlek Karolin?... X'biċċa ta' ġuvni għandu l-Baruni Ciantar.

**Karolina:** Nistħajlu daqs Sofie tagħna... Lilu biss għandek?

**B. Ciantar:** Lilu biss, sinjura. Marti; jaħasra, mititli f'qasir il-għomor. Ħallietu ta' tliet snin... rabbietu oħti.

**Karolina:** U x'tagħmel jekk jiżżewwiġlek?... Jew ma biħsibux?

**B. Ciantar:** Jekk jiżżewweġ, sinjura, inbierku b'idejja t-tnejn, basta jieħu tifla sewwa u bil-għaqal, u li tkun għal qalbu. Kulma għandi jkun tagħhom.

**Karolina:** U inti?

**B. Ciantar:** Jekk ikunu jriduni magħhom, immur ngħix magħhom.

**Karolina:** X'xorti din! Imma min jaf il-mamà tagħha tkunx trid.

**Ġan Feliċ:** Għaliex le?

**Karolina:** Ih! tifla ma' żewġt irġiel!

**Ġan Feliċ / Ciantar:** Ah! Ah! ah! ah! ah! *(Jidħku).*

**Ġan Feliċ:** Fejn sejra b'rasek?

**Karolina:** B'rasi xejn... intom l-irġiel kollha xorta waħda.

**Ġervażju:** Mhux biex nindaħal. Din nistgħu ma nniżżluhiex fil-kitba taż-żwieġ.

**Karolina:** X'ma tniżżilx, jekk jogħġbok?

**Ġervażju:** Illi l-missier imur igħix ma' ibnu u l-mara t'ibnu. Xi tgħid, Sur Baruni?

**Ġan Feliċ Ciantar** } Ah! Ah! ah! ah! ah! *(Jidħku).*

**Karolina:** Nista' naf għaliex qegħdin tidħku?

**Ġervażju Ciantar** } Ah! ah! ah! ah! ah!

**Karolina:** Wara kollox, jien din il-ħaġa ma toqrosnix. Li jimpurtani huwa li żewġi jibqa' miegħi hawn il-Belt, u ma jmur joqgħod imkien, u la Ħal Balzan u lanqas San Pawl il-Baħar... għax milli jidher issa xi ħadd ħajru biex jarma xi luzzu bil-mutur għas-sajd flok ma jedha bil-ġnien tal-villa ta' Ħal-Balzan. Sur Nutar, xtaqt għalhekk inkun naf, jekk ġejtx biex tagħmel xi kuntratt u għal liema dar.

**Ġervażju:** Int milli jidher mort għand il-prokuratur tal-Baruni biex tħassar ix-xiri tal-villa. Il-prezz ta' sebat elef lira deherlek li hu għoli, u żewġek, għalhekk kien biħsiebu, milli jidher, jieħu d-dar ta' San Pawl il-Baħar u jikkuntentak.

**Karolina:** Eh! naħseb li l-ħsieb ta' żewġi huwa wisq 'il bogħod minn dak li qiegħed tgħidli, Sur Nutar. Żewġi dejjem qies l-interessi tiegħu u qatt ta' martu.

**Ġervażju:** Imma din id-darba ħasibha xort'oħra, sinjura.

**Karolina:** Insomma, id-dar ta' San Pawl il-Baħar ma jixtrihiex.

**B. Ciantar:** Milli jidher is-sinjura tixtieq li hu jixtri l-villa tiegħi. Jekk inhu hekk, aħna malajr niftiehmu, bil-patt li jekk niftiehmu,, is-sinjura tikkuntenta wkoll li bintha...

**Karolina:** Binti, Sur Baruni, f'din l-affari m'għandha x'taqsam xejn.

**B. Ciantar:** U jiena ngħidlek, sinjura, li għandha x'taqsam ħafna.

**Karolina:** Binti m'għandhiex kapitali ta' flus biex tixtri l-villa tiegħek... u lanqas aħna biex noħorġu s-somma ta' £7,000 li tlabt lil żewġi.

**B. Ciantar:** Jien ġejt hawn, kif taħseb int, biex niftiehem ma' żewġek fuq ix-xiri tal-villa. Il-prokuratur li ħallejt floki meta kont imsiefer, qalli li inti mort biex tħassar il-proposta tax-xiri, l-iktar minħabba li s-somma deherlek li kienet kbira; jien ktibtlu li d-dar inħalliha b'xi ħaġa inqas, jiġifieri b'£6,000, iżda, milli jidher, bejn li inti ma ridtx li żewġek jixtri l-villa, u flokha ridtu jixtri dar oħra San Pawl il-Baħar, in-negozju tax-xiri tal-villa waqaf. Iżda bejn bintek u ibni hemm negozju ieħor, u dan baqa' miexi ġmielu; negozju li mill-banda l-oħra kellu rabta kbira ma' dak li kellna jiena u żewġek.

**Karolina:** U dawn x'negozju seta' kellhom... nista' nkun naf?

**B. Ciantar:** Negozju wisq ikbar minn tagħna. Negozju ta' mħabba, Sinjura Karolin.

**Karolina:** Negozju ta' mħabba? Biex ingħidlek ili nisma' xi ħaġa fuq is-sinjurina binti, u rrid nara x'inhi sewwa din l-affari.

Wara kollox, din mhix ħaġa li għandha x'taqsam max-xiri tal-villa tiegħek jew mad-dar ta' San Pawl il-Baħar.

**B. Ciantar:** Għandha fuq li għandha, Sinjura Karolin. Xtaqt ngħarrfek li jiena u żewġek diġà tajna l-kunsens tagħna għaż-żwieġ ta' ibni mas-sinjurina bintek.

**Karolina:** X'jien nisma?...'U dan kif?... U lili ħadd ma jgħidli xejn?

**B. Ciantar:** Qiegħed ngħidulek issa jien, u naħseb li ma tmurx kontra x-xewqa ta' bintek.

**Karolina:** U dana kollu sar mingħajr żewġi ma qalli qatt xejn.

**B. Ciantar:** Żewġek ma kienx jaf li bintek hija l-maħbuba ta' ibni Aldo, bħalma jiena ma kontx naf li ibni Aldo huwa l-maħbub ta' bintek. Jiena hawnhekk ġejt għal żewġ ħwejjeġ: l-ewwelnett biex nagħmel xi proposti fuq il-villa li żewġek xtaq jixtri minn għandi...

**Karolina:** Villa u mhux villa, hawn qiegħda nara li dawn huma pretesti biex saru ħafna konfoffi minn taħt. Il-villa, milli jidher, is-sur żewġi ma jridhiex, jew ngħiduha kif inhi, mhux imħajjar iżjed għaliha, u flokha, milli jidher, irid li jsir negozju ieħor, iżewweġ lil ibnek ma' binti Sofie.

**B. Ciantar:** Xejn minn dan kollu, Sinjura Karolin... Din biċċa ta' żewġt iqlub, li ltaqgħu u nħabbu, u jien u żewġek, bħala missirijiet, rajna li m'għandniex intellfu l-hena u l-paċi ta' dawn iż-żewġt itfal għeżież, u fuq hekk naħseb li taqbel magħna, Sinjura Karolin... Jekk il-villa, żewġek ma jridhiex, teħodha bintek, u huwa jixtri dik li int tant xtaqt: id-dar ta' San Pawl il-Baħar; dar li milli jidher togħġbok aktar mill-villa tiegħi għal bosta u bosta raġunijiet.

**Karolina:** La s-sur żewġi, issa, biddel il-ħsieb, għax xi ħadd ħajru għad-dar ta' San Pawl il-Baħar, jiena d-dar ta' San Pawl il-Baħar ma rridx immur fiha. Jien hawn dari, sewwa għaxxitwa kemm għas-sajf. Minn hawn ma rridx nitħarrek. Din biżżejjed għalina.

**B. Ciantar:** Mela issa m'għandniex nagħmlu ħaġ'oħra ħlief niġu għallfatti. *(Lil Sofie):* Sinjurina, inti għadek bil-fehma li tiżżewweġ lil ibni Aldo?

**Sofie:** Iva, u bil-qalb kollha.

**B. Ciantar:** *(Lil Aldo):* Inti, Aldo, xi tgħid?

**Aldo:** Jien, papà, nixtieq niżżewweġ lis-Sinjurina Sofie, għax dik li jien ħabbejt, u ħliefha ħadd.

**B. Ciantar:** *(Lil Ġervażju):* Mela, Manjifk, kif aħna hawn naqdu żewġ affarijiet. Xi tgħid, Sur Ġan Feliċ?

**Ġan Feliċ:** Naħseb li wasal il-waqt li nwettqu l-ftehim b'kuntratt.

**Karolina:** Kif, u lili ħadd ma jistaqsini jekk għandix pjaċir?

**B. Ciantar:** Xi trid li nistaqsuk, sinjura?

**Karolina:** Il-kunsens tiegħi, jekk jogħġbok.

**B. Ciantar:** Għal dak li hu żwieġ ta' bintek ma' ibni naħseb li għandek tifhem li l-kunsens tiegħek, kif ukoll ta' żewġek, xejn ma hu meħtieġ, ladarba ibni u bintek għandhom il-jedd li jagħżlu s-sieħba jew sieħeb tal-ħajja tagħhom; għal dik li hi dar, inti sa ċertu pont għandek u m'għandekx il-jedd li tindaħal fix-xiri tagħha.

**Karolina:** Jiena diġà għidtlek, Sur Baruni, li jien la rrid immur f'dar u lanqas f'oħra. Bil-prezz li tlabt lil żewġi, il-villa tiegħek ma konna nixtruha qatt.

**B. Ciantar:** Id-dar se nagħtiha lil ibni, ladarba ma ridtux tixtruha; għax milli jidher, malli jiżżewweġ, biħsiebu jmur jgħammar fiha.

**Karolina:** Kif? Ibnek imur joqgħod fiha ma' binti! Jeħodhieli daqshekk 'il bogħod?

**B. Ciantar:** Bogħod xejn, sinjura; ibni għandu **motor car,** tasa' disgħa minn nies. Meta tkun trid, jibgħathielek, u fi ftit minuti twasslek għandha u terġa' twasslek lura d-dar; bil-patt, bil-patt li mill-ġurnata li tgħid *is-signor si* lil bintek ma toqgħodx tmeriha u tindaħlilha bħalma tagħmel lil żewġek, jiġifieri li tħalliha tgħix bil-paċi.

**Karolina:** Ġan Feliċ! *(Tgħajjat)*.

**Ġan Feliċ:** Xi tridni ngħidlek?

**Karolina:** Kif, u inti ma titkellem xejn?... Dan kollu kont taf bih... u lili ma tgħidli xejn...

**Ġan Feliċ:** Xi tridni ngħidlek?... Jeħtieġ inbaxxu rasna u ma nindaħlux fix-xewqat ta' bintek u ta' dak li għad ikun ir-raġel tagħha... la l-baruni għoġbu jagħtihom il-villa tiegħu, u huma jridu jmorru fiha, aħna m'għandna ebda dritt nindaħlulhom... inti, jiġifieri, m'għandek ebda dritt tindaħlilhom u tmerihom bħalma kellek l-għada tmieri lili.

**Karolina:** Kif ma nindaħalx?... Ibda biex il-Baruni talli se jagħti l-villa lil ibnu jkun irid li npattu b'xi dota li ma tkunx inqas mill-prezz tal-villa.

**B. Ciantar:** Xejn minn dan kollu. Doti minn għandkom ma nippretendi xejn. Ibni se jkollu biżżejjed biex igħix hu u martu. Id-dar nagħtiha lil ibni jgawdiha f'ħajtu miegħi; wara mewti tkun tiegħu u ta' martu għalkollox. Jien infatti se mmur noqgħod magħhom.

**Karolina:** Tmur toqgħod magħhom?... Ma' binti?... U int sur żewġi, tippermettih dan?...

**Ġan Feliċ:** Dik affari ta' bintek u ibnu; mhux tagħna.

**Karolina:** Tajjeb, mela jien immur noqgħod magħhom ukoll. Jien lil binti ma rridhiex toqgħod ma' żewġt irġiel.

**Ġan Feliċ:** Jekk bintek tkun tridek magħha, mur oqgħod hemm għal kollox.

**Karolina:** Trid teħles minni, hux tassew? Imma jarralek il-ħsieb ta' moħħok.

**Ġan Feliċ:** Int mur ma' bintek... u jien immur ngħix m'oħti Dovina...

**Karolina:** Trid tmur tgħix m'oħtok Dovina?... M'oħtok Dovina?... Jien minn ħdejk ma niċċaqlaqx... u jekk immut, il-persuna tiegħi tibqa' tiġri warajk!

**B. Ciantar:** *(Lil Ġervażju):* Manjifk, naħseb li wasal il-ħin li toqgħod hawnhekk fuq dan it-tavolin... Ġibthom il-karti u d-dokumenti kollha?

**Ġervażju:** Kollox. *(Joqgħod bil-qiegħda u jpoġġi l-karti fuq it-tavolin).*

**B. Ciantar:** *(Lil Karolina):* Sinjura Karolin, nitolbuk li issa tieħu ftit tas-sabar u tagħtina ftit tan-nifs. Fuq kollox nitolbuk li ma tmutx għalissa biex tilħaq tgawdi lil bintek miżżewġa.

**Ġamri:** *(Jidħol u jgħid lil Ġan Feliċ):* Jiena sejjer, sinjur. Ix-xtieli tas-siġar ħallejthomlok fil-kamra tal-ġnien... Jiena sejjer.

**Ġan Feliċ:** Fejn sejjer?

**Ġamri:** Jien għidtilha lis-sinjura li għada ma nisbaħx hawn. Ma jistax ikun li nkompli dil-ħajja. Int tordnali mod u s-sinjura tordnali mod ieħor. Jien għamilt f'rasi li nitlaq.

**Ġan Feliċ:** Is-Sinjura ma tordnalekx iżjed.

**Karolina:** Kif ma nordnalux iżjed?... Mela jien x'jien hawn ġew... xejn?...

**Ġan Feliċ:** Inti l-mara tad-dar u l-mara tad-dar tibqa' hawn ġew. Ġamri huwa l-ġennien, u ta' ġennien jibqa' jagħmilha. Miegħu ma jkollokx x'taqsam.

**Ġamri:** Le, sinjur. Ġo din id-dar ma nibqax iżjed.

**B. Ciantar:** Tajjeb. Lil Ġamri neħduh magħna. Nagħmlu patt mas-Sur Ġan Feliċ li jibqa' magħna.

**Ġamri:** Magħkom ma' min, jekk jogħġbok?

**B. Ciantar:** Magħna, jiġifieri fil-villa tiegħi. Miegħi u mas-Sinjurina Sofie li sa tiżżewweġ lil ibnu... das-sinjur. *(Juri lil Aldo).*

**Ġamri:** *(Bid-daħka jħares lejn il-Baruni Ciantar u lejn Aldo).* Mas-Sinjurina Sofie... u ma' das-sinjur... Eh, eh. Għandi pjaċir... *(lil Aldo).* U ma' min iżjed?...

**B. Ciantar:** Forsi... ma nafx... forsi xi darba mas-Sur Ġan Feliċ ukoll...

**Ġamri:** Mas-Sur Ġan Feliċ iva, imma mas-Sinjura Karolin, le.

**B. Ciantar:** *(Lil Ġervażju):* Manjifk, jekk jogħġbok...

**Ġervażju:** *(Jaqra).* Il-lum... 25 ta' Jannar 1954. Fil-Belt Valletta. Hawnhekk quddiemi, Ġervażju Casha, Nutar Pubbliku, jidhru... l-miżżewġin Ġan. Feliċ Triganza, bin il-mejjet Indrì, u s-Sinjura Karoli...

**Karolina:** *(Bil-herra):* Skużi, Manjifk, ismi ħallih barra... Jien ħierġa. *(Toħroġ b'ġirja).*

**Ġan Feliċ:** *(Isejjaħ):* Karolin... Karolin...

**Sofie:** Mamà... mamà...

**Ġamri:** Dik terġa' tiġi, tibżax. Sadattant jien sejjer ir-raħal għax lil marti ħallejtha tistennieni. Kont għidtilha li l-lum għandi niġbor ħwejġi u mmur norqod id-dar. Ir-riżq lil kulħadd, l-iktar lis-Sinjurina Sofie u lill-għarus tagħha u s-Sema jieqaf magħhom.

**Sofie:** Sejjaħ lill-mamà, Ġamri... Ġamr, mur ilħaqha...

**Ġamri:** Dik terġa' tiġi, tibżax... Araha ġejja, wiċċha aħmar nar... Jiena sejjer. Sinjuri, nerġa' narakom, u s-Sema jkompli ma' kulħadd. Għada tarawni l-villa ta' Ħal Balzan u l-ewwel ma nagħmel, Sur Baruni, niżborlok is-siġar tal-larinġ. *(Joħroġ).*

**Ġervażju:** *(Jaqra).* Il-lum, 25 ta' Jannar, 1954.

**Sofie:** Nistennew il-mamà...

**Karolina:** *(Tinstama' tgħajjat minn ġewwa).* Jien ismi ma rridux isemmih...

**Ġervażju:** Il-lum, 25 ta' Jannar, 1954. Fil-Belt Valletta. Hawnhekk quddiemi... hawnhekk quddiemi...

**Sofie:** Ġejja... ġejja...

**Ġervażju:** Hawnhekk quddiemi, Ġervażju Casha, Nutar Pubbliku, jidhru l-miżżewġin Ġan Feliċ Triganza, bin il-mejjet Indri, u martu, is-Sinjura Karo...

**Karolina:** *(Tidħol, wiċċha aħmar nar, b'idha l-leminija merfugħa 'l fuq, bis-saba' l-werrej ma' wiċċ Ġervażju... Trid titkellem. Jinstama' bħal għagħa ta' Iss... Iss... Iss...)*

**Ġervażju:** *(Jissokta jaqra).* Hawnhekk quddiemi, martu s-Sinjura Karolina...

SIPARJU

## KOTBA LI RĊEVEJNA GĦAL-LIBRERIJA

**Ir-Rużarju** — Xandir ta' Kultura Dumnikana. Vol. XVI — April-Ġunju, 1964. No. 1; Lulju-Settembru, 1964.

# JIENA

Ta' NORBERT M. DEGABRIELE, O. CARM

Bonum est confiteri Domino.
(Ps. 91, v. 1)

Kull meta b'ħsieb, Mulej, nittajjar fejnek,
U lura mmur fil-bidu tal-ħolqien,
Int dlonk turini mħabbtek, li mill-ewwel
Żrajt fija l-għanja u sirt dak li jien.

* * *

Li kieku kont Rancisa, li għalkemm sbejħa,
Miżrugħa w'ħedha f'rokna ġewwa ġnien,
Kont nagħżel leħen ħelu u bih ingħanni
Il-għanja siekta, għanja għall-ilwien.

Li kieku ħlaqtni r-Riħ, u tajtni rajja
Biex nagħġen jien il-għamla ta' kull fewġa,
Kont noħroġ fuq il-baħar b'leħen ħlejju,
U noqgħod nimbex b'nifsi lil kull mewġa.

U kieku għamiltni Għasfur tal-Bejta ċkejken,
Ħallejtni ntir u nagħżel għanja bnina,
Ma kontx nistrieħ sakemm nitgħallem l-għanja
Li nserraħ biha ħafna qlub irżina.

* * *

'Mma le, Mulej! Għax rajt mill-ewwel fija
Se jsibu qabar ħsus mill-kbar bla heda,
Għażiltha Int il-għanja minn ta' ħajti:
Għalhekk għamiltni Bniedem u Poeta.

# VARIA ATQUE BREVIORA

## IL-KELMA "VAVALOR"

Ta' A. CREMONA

Il-*vavalor* huwa bħal sarvetta li jitqiegħed taħt geddum it-trabi biex il-libsa ma tiċċappasx bil-lgħab minn ħalqhom meta jixorbu l-ħalib jew xi ikel ieħor.

Il-kelma *vavalor* ġejja mill-kelmiet Sqallin *vavalora* jew *vavaloru* (A. Traina, V. Nicotra, Ed. Nicotra d'Urso). F'xi bnadi ta' Sqallija flokhom isemmgħu l-kelmiet *bavalora babiola, baviola, vaviola.* L-Isqalli mill-banda l-oħra ħa dawn il-kelmiet mill-kelma *bavaglio-lo,* forma djalettali Toskana minn kelma oħra Taljana qadima *baviolo.* Qabbel il-Franċiż: *baverette,* il-Venezjan: *bavarol* (minn *bavariolo).* Fihom naraw, bħal fil-Malti, il-bidla tal-labjali *b* f'*v* u tal-likwidi *l* f'*r.*

## IL-KELMA "ĊIPPIDODU"

Ta' A. CREMONA

Iċ-Ċippidodu għandu għamla ta' żugraga ċkejkna b'erbat uċuh bħal dadu, li bih min idawru jista' jirbaħ jew jitlef flus jew oġġett. L-erbat uċuh huma immarkati b'ittri; fuq ġenb wieħed l-ittra *P (pone,* li tfisser *qiegħed* flus), fuq ġenb ieħor l-ittra N (*nihil,* li tfisser *xejn*), fuq it-tielet ġenb l-ittra A *(accipe,* li tfisser ħu, u fuq ir-raba' l-ittra T (*totum,* li tfisser *kollox*—rebħ tal-flus kollha jew oġġett).

Il-kelma Maltija *Ċippidodu* ġejja mill-kelma Taljana *Accipitoto,* meħuda miż-żewġ kelmiet Latini: *Accipe totum* li jfissru *ħu kollox, (iġbor il-flus kollha li rbaħt).* Il-Malti seta', madankollu, ħa l-kelma mill-Isqalli, u mhux direttament mit-Taljan.

Bl-Ingliż il-logħba taċ-*Ċippidodu* titfisser bil-kelma *Teetotum,* magħmula minn *T-totum.*

## KLIEM MALTI MHUX MAGĦRUF

Ta' GINO MUSCAT AZZOPARDI

Sejrin inġibu hawn taħt sensiela ta' kliem Malti li aħna ġbarna minn għand bosta kaċċaturi u nassaba. Dan il-kliem s'issa għadu ma deher f'ebda vokabularju u huwa kliem li jużaw in-nassaba bejniethom biex juru kif igħajtu xi għasafar:

L-apparell iżerżer
il-bibla ttaqtaq

il-birwina tpetpet
Il-fellus iċejjaq
Il-gardell iżepżep
Il-gamiema tparpar
Il-ġojjin igeġġeġ
Il-malvizz izekzek
L-ortulan ipaqpaq
Il-pespus ipespes
Il-pitirros ifaqqa'
Il-pluviera tgerwel
Is-serduk jidden
L-isponsun ipenpen jew ivenven
Is-summiena ttaqtaq jew tgħanni
Is-summiena tkerker
It-tellerita tgorr
It-tiġieġa tqaqi
L-għasfur taż-żebbuġ izekzek
Il-verdun iterter jew iweġweġ jew igħeżżeż.
Il-kanarin l-ewwel ipejjes, wara jivversja, imbagħad igħanni jew ikanti.
Min jaf iżjed iżidhom u jibgħathom lilna.

---

## NOTA EDITORJALI

Ma' din il-lista interessanti ta' frażijiet b'verbi onomatopejċi wieħed jista' jżid oħrajn li jfissru l-leħen ta' annimali oħra, barra minn tjur, bħalma huma ta' *żiemel jiżher, (żeher — to neigh* bl-Ingliż, *nitrire* bit-Taljan); ta' *kelb jinbaħ* (*nebaħ — to bark* bl-Ingliż, *abbaiare, latrare* bit-Taljan); ta' *ħmar jinħaq* (*naħaq — to bray* bl-Ingliż, *ragliare* bit-Taljan); ta' *qattus inewwaħ* (*newwaħ — to mew* bl-Ingliż, *miagolare* bit-Taljan).

Il-verb *taqtaq, itaqtaq,* barra dak li hu msemmi fil-lista, jingħad ukoll għall-kalandra, u għal xi għasfur ieħor. Hekk ukoll il-verb *qaqa, iqaqi,* li flimkien ma' *jtaqtaq (to croak* bl-Ingliż, *gracidare* bit-Taljan) jingħadu għal leħen il-għurab u l-wiżż, filwaqt li l-verbi *garrire*, Taljani, *(to warble* bl-Ingliż), u *cinguettare*, Taljan, (*to chirp* bl-Ingliż) jingħadu aktarx, il-wieħed għall-għasafar kollha, fil-Malti bil-kelma ġenerika *għanna, igħanni,* u l-oħra għall-għasafar kollha li ma jgħannux fit-tul, fil-Malti bil-kelma Maltija *ċejjaq, jċejjaq.*

Il-Malti huwa mbagħad nieqes minn xi verbi li f'ilsna oħra jfissru l-leħen ta' xi annimali oħra, bħalma nsibuhom fl-Ingliż u fit-Taljan. Fost dawn ta' min isemmi dawn il-verbi: *to bleat* fl-Ingliż, *belare* fit-Taljan, għal leħen il-mogħoż u n-ngħaġ; *to grunt* fl-Ingliż, *grugnire* fit-Taljan, għal leħen il-qżieqeż; *to bellow* fl-Ingliż, *muggire* jew *mugghiare* fit-Taljan għal leħen il-gniedes u baqar; *to yelp* fl-Ingliż, *mugolari* fit-Taljan għal leħen il-klieb meta jgħajtu b'leħen ta' bikja għal sidhom; *to growl, to snarl,* fl-Ingliż, *ringħiare* fit-Taljan, li jingħadu għal leħen il-klieb meta xi ħadd jinbixhom u jheddu li se jigdmu billi jikxfu snienhom.

# IL-KELMIET "ĦAMALLU" U "POLIKARJA" FIL-MALTI

Ta' Ġ. GALEA

Dawn iż-żewġ kelmiet spiss jinstemgħu f'ħalq il-Maltin. L-ewwel waħda biex ifissru bniedem goff, bla manieri u ma jafx iġib ruħu; it-tieni kelma jinqdew biha meta jitkellmu dwar xi raġel imqarqać, fuq tiegħu u jħobb juri ruħu. "Dak raġel ħamallu"! jew "Dak żagħżugħ polikarja!" tisma' min igħid.

Dawn iż-żewġ termini huma kelmiet barranin li daħlu fil-Malti, l-ewwel waħda mit-Turkija, l-oħra mill-Greċja.

Għal mijiet ta' snin, il-Maltin kellhom ħafna x'jaqsmu ma' dawk iż-żewġ pajjiżi. Fi żmien il-Kavalieri u qabel, il-Maltin u t-Torok kienu jitqabdu kull fejn jiltaqgħu u ħafna kienu jgħaddu xi żmien ilsiera ta' xulxin; imbagħad wara li l-Kavalieri ħallew il-Gżira tagħna, iż-żew' azzjonijiet qorbu lejn xulxin u fetħu negozji bejniethom. In-nies tagħna kellhom ukoll kummerċ kbir mal-Greċja, u fi żmien il-qlugħ il-Port tagħna kien mimli bi skejjen Griegi u Torok. Bis-saħħa ta' dawk il-kuntatti u r-relazzjonijiet kummerċjali, dawn iż-żewġ kelmiet daħlu fl-ilsien tagħna.

Dawn iż-żewġ siltiet li ġejjin jixhdu n-nisel tal-kelmiet "Ħamallu" u "Polikarja" u juru li fil-Malti baqgħu bl-istess tifsira li kellhom fl-ilsien oriġinali tagħhom. "... we walked slowly down the steep cobbled incline of the Grand Rue di Pera in Constantinople, crowded and noisy... Levantines and young Turkish civilians... swarming throng of pedestrians, *hamals*, or porters carrying incredible loads of luggage and furniture on their backs...". *("Victorian Gallery"* by M. Buchanan published by Cassell & Co. Ltd., London 1956 Page 96).

"... a tour of northern Greece. There the men of the mountains, thin, nervous, silent men, were called *Polikars*, "the brave ones". Half patriots, half bandits, these Polikars had fought valiantly...". *(The Fabulous Originals* by Irving Wallace published by Longmans, Green & Co., London and New York, 1955, Page 97).

---

## 'DESIDERATA'

**Kollezzjonist jixtri: Manuskritti; ittri; kotba awtografati; ritratti; films (negativi jew ċine); ilħna rekordjati ("tape recordings"), ta' kittieba Maltin, l-aktar ta' Kittieba tal-Malti.**

**Ikteb lil: A.A.M., 88, Triq Santa Luċija, Valletta, (C. 21300).**

# LISTA KRONOLOĠIKA TAL-POEŻIJI

# TA' DUN KARM (Psaila)

## Ippubblikati f'Rivisti, Ġurnali u Kotba

### Miġburin minn A. Cremona

Nagħlqu din il-Lista b'dawn il-Poeżiji li s'issa ma rnexxilniex insibu fejn kienu ippubblikati. Jekk xi ħadd mill-qarrejja jista' jagħtina xi dawl fuq il-pubblikazzjonijiet tagħhom inkunu nafuhulu.

| | Isem tal-Poeżija | Data tal-pubblikazzjoni |
|---|---|---|
| 221. | Acta Catholica | 9/2/1940 |
| 222. | Lil Santa Tereża ta' Ġesù Tarbija | 1/10/1940 |
| 223. | Kwiekeb | 19/10/1940 |
| 224. | Tislima lil Marija Immakulata min-Nies ta' Bormla | 1/9/1941 |
| 225. | Lil Marija Immakulata | 3/2/1942 |
| 226. | Issa Nafu xi Ħaġa — Wara l-Laqgħa fuq il-Fruntiera | 1/7/1942 |
| 227. | Issa l-Waqt — Talba lill-Bambina Marija | 3/9/1942 |
| 228. | Xewqa | 29/10/1942 |
| 229. | Lil Malta | 11/11/1942 |
| 230. | Lil Dun Ġużepp Gonzi fil-Ġublew Tiegħu tal-Fidda | 24/11/1942 |
| 231. | Lil Malta — Wara l-Ġieħ tal-G.C. | 4/12/1942 |
| 232. | Lil San Filippu ta' Aġġira | 12/4/1943 |
| 233. | Le Qatt Ma Ninsa | 9/5/1943 |
| 234. | Innu lil San Ġużepp | 8/12/1944 |
| 235. | Pulchra Ut Luna | 8/12/1944 |
| 236. | Lil Sant'Anjeże | 1944 |
| 237. | Għidtilna Kelma | 1944 |
| 238. | Lil Missierna San Pawl | 19/2/1945 |
| 239. | Innu Popolari lil San Ġorġ | 22/3/1945 |
| 240. | Innu lill-Madonna Kewkba tal-Baħar | ——— |
| 241. | Lill-Beata Imelda. Maqlub bil-Malti mil-Latin ta' Mons. Biagio Verghetti | ——— |
| 242. | Innu lil San Lawrenz | ——— |

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

# RECENSJONIJIET

**"MUFTIEH ĠDID"**, Patri Lett. D. Mintoff, O.F.M., Lux Press, Malta, 1963, paġni 50.

Dan ix-xogħol li hu iddedikat "Lit-Tfal u Żgħażagħ li Għallimt", għandu kelmtejn qabel tal-Onor. Ministru ta' l-Edukazzjoni ta' Malta, l-Onor. Antonio Paris, M.D., M.L.A. L-Awtur ma tkellem xejn dwar ix-xogħol tiegħu.

L-Onor. Ministru Paris faħħar fil-kelmtejn tiegħu kemm il-ktieb u kemm il-kittieb, meta stqarr: "Dana l-'key-handbook' ma jistax jonqos li ma jkunx ta' utilità kbira bħal konsultazzjoni speċjalment għat-teachers tal-Malti. Anki għax-xogħol ta' dan il-ktieb Patri Dijonisju daħal b'dik l-attenzjoni u b'dik is-serjetà li huwa dejjem wera fil-produzzjonijiet letterarji tiegħu".

Li l-Onor. Ministru Paris tkellem kif tkellem, għoġobni. Ma jidhirlix illi għandna nifhmu l-kliem tiegħu bħala ftit tifħir u barra bid-daqq. Meta Ministru ta' l-Edukazzjoni jilqa' xogħol, jidhirli għandna nqisu għemilu: aktar u aktar meta jkun Ministru ta' l-Edukazzjoni ta' Partit illi fl-imgħoddi kellu sehem kbir ħafna fit-taħbila tal-'Lingwa', kwistjoni li firdet il-Partiti u lil Malta. U aktar u aktar għandna nqisu l-merħba ta' l-Onor. Ministru Paris meta, ma nlaqalquhiex, hawn nies li kienu jew jista' jkun li għadhom iħarsu biċ-ċiera lejn l-Ilsien Malti. Jidhirli illi l-Onor. Ministru Paris wera li jaf jagħżel, bħala Malti, bejn x'inhu xieraq u x'mhux fil-Pulitka, meta kiteb dawk il-kelmtejn hekk sbieħ b'daħla għall-ktieb, "Muftieħ Ġdid". Aktar u aktar inħoss għandi nifraħlu lill-Onor. Ministru Paris meta nġib quddiem għajnejja illi l-Awtur jiġi ħu l-Onor. D. Mintoff, Kap ta' l-Oppożizzjoni u tal-Partit Laburista Malti, bħalissa l-Partit 'għadu' tal-Partit Nazzjonalista.

Jekk kien hemm nies prominenti li ma għarfux il-ħtieġa li l-kotra tkun taf tikteb, taqra u tfiehem ruħha bil-Malti—Lsien Malti mibni fuq sisien grammatikali illi jixirqulu—kien hemm oħrajn xejn anqas magħrufin illi, waqt li ħabbew u rawmu l-Ilsien Taljan, dehrilhom fejn jogħod il-Malti ma joqgħod ħadd u xejn. Jekk hawn ħafna xjuħ professjonisti illi jiftakru lil Ġużè Muscat Azzopardi bħala Eżaminatur tat-Taljan, hekk ukoll jiftakruh bħala l-ewwel President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

Minn dawk il-jiem, mgħoddija tat-taħbila tal-'Lingwa' għal-lum, għadda ż-żmien. Wasal il-jum meta l-ortografija tal-"Għaqda" kellha wkoll tidher fuq il-paġni tal-gazzetti politiċi wkoll. Għadni niftakar dawk il-jiem meta qorob it-twelid ta' "Malta Tagħna" (qabel it-tilwima bejn iż-żewġ friegħi tal-Partit Nazzjonalista). Xi studenti universitarji li kellhom f'idhom ix-xogħol sirt nafhom u niftakar tkellimna dwar l-imgħoddi u dwar il-jiem il-ġodda. Biex infiehem illi mhux biss ingħid bil-kliem biss iżda nuri bl-għemil illi tassew fraħt b'dak li kien sa jsir, dħalt nagħti daqqa t'id u ħadt is-sabar noqgħod norqom kelmtejn aktarx fit-tul li kont ktibt dwar Dante. Hsiebi kien li "x-xjuħ Nazzjonalisti" ma kellhomx għal fejn jibżgħu li min jaf il-Malti sa jħares bl-ikrah lejn il-kultura Taljana, u wkoll illi titkellem dwar letterati Taljani bil-Malti jinħass tajjeb daqs b'kull ilsien ieħor. Il-lum, wara dawn is-snin, kelli nfiehem għaliex ismi jinsab imniżżel fil-ħarġiet bikrin ta' "Malta Tagħna". U ftit żmien wara, l-aħħar gazzetta miktuba b'ortografija ta' żmien it-

taħbila tal-'Lingwa', waqfet. Il-lum, "Il-Poplu" jinkiteb b'ortografija Maltija.

Għalhekk, intenni, fraħt meta qrajt x'kiteb l-Onor. Ministru Paris fil-"Muftieħ Ġdid". U fraħt aktar meta fhimt li l-Onor. Ministru tkellem hekk tajjeb dwar biċċa xogħol li l-għan tagħha nifhimha li hi biex trawwem iżjed u aħjar it-tagħlim ta' l-Ilsien Malti, għax kif hu stqarr: "Bħala Ministru ta' l-Edukazzjoni għandi pjaċir nagħmel dawn il-kelmtejn ta' dħul għal dana l-ktieb ġdid... Kotba oħra tal-metodoloġija għattagħlim tal-Malti ma nafx li għandna u għalhekk dan il-ktieb li ġej minn Surmast tal-Malti ta' l-esperjenza bħal Patri Dijonisju ma jistax ma jkunx ta' valur. Jiena żgur li dan il-ktieb ikollu s-suċċess li jimmeritah. Din hi x-xewqa mill-qalb li jiena nagħmel lill-Awtur". Kliem bħal dan għandu jilqgħu minn qalbu kulħadd.

Jidhirli xieraq insemmi dan kollu dwar il-kliem u l-għemil tal-Onor. Ministru A. Paris, iżjed meta dal-aħħar l-Onor. Ministru ta' l-Edukazzjoni tal-Gvern Taljan għaraf il-ħrara li l-Onor. Ministru Paris wera lejn l-Ilsien Taljan, billi tah midalja tad-deheb. U l-Gvern Taljan għadu kemm ta b'xejn tnax-il elf ktieb bit-Taljan sabiex it-tifel Malti jkun jista' jsib ktieb bit-Taljan li jkun jista' jaqdih ħalli jifhem l-Ilsien Taljan aħjar. Wara kollox, ħafna huma t-tfal — u wkoll il-kbar — Maltin illi jkunu jixtiequ jifhmu sew x'ifissru l-kliem Taljan li jisimgħu fil-programmi tattelevizjoni tar-R.A.I., illi f'Malta naqbduhom tajjeb. Barra dan, l-Onor. Ministru Paris fetaħ il-bieb fl-iskejjel Primarji għall-istudju tat-Taljan— u wkoll tal-Franċiż — għal dawk it-tfal tal-klassijiet il-kbar illi jkunu jixtiequ jkunu jafu tagħrif dwaru. Fil-Kamra l-Onor. Ministru Paris għarraf illi jekk qed tingħata ħarsa ħelwa lejn l-Ilsien Taljan, dan qed isir minħabba r-rabtiet kulturali tradizzjonali li hemm bejn Malta u l-Ewropa, l-iżjed mal-ġara tagħha n-naħa tat-tramuntana, Sqallija u l-Italja.

Mela għalhekk l-għemil tal-Onor. Ministru A. Paris, meta ta 'Merħba Bik' lill-ktieb "Muftieħ Ġdid", għandna għax ilkoll nagħtuh il-ġieh kollu li ħaqqu. Ikun xieraq jekk il-għemil tal-Onor. Ministru jkun ifisser il-għarfien, darba għal dejjem, għal dak kollu li jistħoqqlu l-Ilsien Malti. Meta bniedem politku jweġġah is-sewwa magħruf, ma jkun jagħmel xejn għajr juri rġulija. Kull bniedem ta' rieda tajba ma għandux għax jagħżel li jifhem mgħawweġ jew jagħżel li jagħġen il-ħsieb ta' għajru għajr f'dak li hu xieraq.

Jekk int jidhirlek illi l-għemil tal-Onor. Ministru ta' l-Edukazzjoni weżintu u tkellimt fuqu qatigħ, ma għandix għax noqgħod inlaqlaqha: xieraq fuq li xieraq li nagħmel dak li għamilt. Il-kelma ta' l-aħħar hi din: j'Alla naraw il-kotba li fuq il-qxura jħabbru: "Għajnuna ta' min jgħallem il-Malti", milqugħa bħalma laqagħhom tajjeb l-Onor. Ministru A. Paris fix-xogħol "Muftieħ Ġdid" ta' Patri Lett. D. Mintoff.

Niġi għall-ktieb innifsu.

Min qiegħed jistennieni illi ħsiebi mhux se jkun għajr ħlief tifħir, billi hawn min jidhirlu illi f'Malta dawk tal-'Malti' huma ġemgħa li wieħed iwieżen lill-ieħor jew li kittieb ifaħħar lill-ieħor, sa jitqarraq. Dak li hu minnu stqarrejtu u fi ħsiebni nibqa' nistqarru.

Qabel kollox, u għal dan ma jien ħsiebni noqgħod ingħid għax u għal biex, irrid ingħidlu 'Prosit' lill-Awtur, għax ħinu u għaqlu ħaddimhom b'riżq għan xieraq u wtieqi għall-kultura Maltija. Għall-Bennejja dejjem kelma li tqawwi l-qalb għandi.

Ix-xogħol "Muftieħ Ġdid" mhux qallibtu iżda tajtu għaqli jien u naqrah. Jekk għall-ħsieb ta' l-Awtur għandi "Prosit", iżda ma naqbilx miegħu għal bosta ħwejjeġ.

L-ewwelnett, f'xogħol bħal dan stennejt insib għiltijiet ta' l-istampa bil-wisq anqas milli sibt. L-għadd ta' għiltijiet ta' l-istampa, li wara kollox jidhru bħala ortografija zoppa, idejqu u jfixklu.

Ma nistax naqbel mat-taħlit ta' Ingliż u Malti kif l-Awtur ifiehem ruħu mal-qarrejja, bħallikieku l-Ingliż u l-Malti kienu wieħed. Daqqiet issib l-Ingliż bħala l-ilsien ewlieni u daqqiet il-Malti. Barra dan, l-Awtur jinqeda wisq darbi b'termini teknici li jħallihom bl-Ingliż, bħallikieku l-Malti ma jistax jaqdih fi ħsiebu. Ladarba l-Awtur sa jagħmel xogħol bil-Malti, jidhirli illi l-ewwel il-Malti. Inħoss illi l-Awtur kellu ġemgħa ta' noti illi qdewh jew qed jaqduh fix-xogħol ta' tagħlim u stampahom biex jaqsam ma' ħaddieħor il-metodu magħżul għal qalbu. Ħsieb tajjeb dan, iżda notamenti jridu jitlaħħmu u jilbsu libsa illi l-qarrej ma għandux għalfejn jipprova jifhem x'irid igħid l-Awtur. Għaldaqshekk, ma nistax naqbel ma kif hu mibni li 'scheme of work'.

L-Awtur jinqeda b'termini teknici bħal, "look and say method", "phonic drill" u "phonic method", illi kien ikun aħjar kieku l-Awtur qal hu sewwa sew x'jifhem bihom u kif iridhom jinftiehmu b'rizq it-tagħlim tal-Malti.

Ma nafx kemm huma l-għalliema li jistgħu jaqblu għajnejhom magħluqa ma' xi wħud mit-twissijiet li jagħti l-Awtur lill-għalliema ta' kif imexxu xogħolhom. Ngħidu aħna taħt ir-ras, "Dictation", l-Awtur iwissi: "Wara ħallihom jikkoreġu x-xogħol ta' xulxin". Ma nafx jekk l-Awtur qatt ra xi għalliema fi skola jwettqu dit-twissija, iżda fi skola Primarja għalliem li jobdi din it-twissija aktarx li jaqa' biex jagħmilha ta' pulizija, maġistrat, jew jitlef ħinu u wkoll tal-klassi. Kont naqbel aktar ma' l-Awtur kieku qagħad għajnejh miftuħa li ma jiqisx teorija bħallikieku vanġelu.

Xtaqt illi kieku l-Awtur nesa għal kollox kif ifisser ruħu l-Ingliż, u mhux iħalli l-kelma Maltija tintilef, bħalma: "It-teacher għandu jimxi bil-mod iżda żgur" (p. 23); jew "Hawnhekk tidher il-ħtieġa tal-preparazzjoni vicina" (p. 27). Ukoll, ġieli xtaqt li l-Awtur jfiehem ruħu aħjar xi jkun irid jgħid sewwa u għal min jew għal x'hiex irid igħid, bħalma: "Imma hu jrid jithejja sewwa" (p. 24).

Mhux ħsiebi noqgħod insib x'ingħid iżjed, ħlief li stennejt l-Awtur igħid kelmtejn hu f'xogħol ta' dil-għamla biex jfiehem għal min u kif inhu maħsub ix-xogħol tiegħu.

L-Awtur għamel sew li ntafa' għal bicca xogħol ta' dil-għamla. Xogħol bħal dan mhix bicca xogħol ħafifa. Hu xogħol li għandu tifsir kbir, u għalhekk jidhirli xieraq wieħed iraqqaq fuq li jraqqaq.

Jagħmel sew l-Awtur jekk jissokta jagħti ħinu u għaqlu b'rizq il-Malti. Nixtieqlu minn qalbi l-aqwa rizq tajjeb.

Anton Agius Muscat.

## INFAKKRU

**Min jixtieq li ssirlu reċensjoni f'"IL-MALTI" fuq xi pubblikazzjoni nfakkruh li għandu jibgħat kopja tal-pubblikazzjoni tiegħu għal-Librerija tal-Għaqda barra dik li jkun jogħġbu jippreżenta personalment lil xi membri uffiċjali tal-GHAQDA.**

## "LA MARINA MALTESE DAL MEDIO EVO ALL'EPOCA MODERNA"
ta' A. Cremona, D. Litt.

Estratt mill-"Journal of Maltese Studies" No. 2, 1964. Printed at the Malta University Press — 1964. Paġ. 20.

Dan hu studju tajjeb u ta' fejda għal dawk li jinteressaw ruħhom fil-kitba dwar suġġetti tekniċi bil-Malti. L-awtur bil-għaqal u bis-sengħa, ġabar tagħrif dwar il-bċejjeċ tal-baħar u fisser il-għamla, il-bini, l-użu l-armar u rqaqat oħra, u fuq kollox ta t-terminoloġija eżatta bit-Taljan u bil-Malti ta' kull għamla ta' bastimenti u ta' kull ħaġa li għandha x'taqsam magħhom.

L-awtur fetaħ din il-kitba tiegħu bi storja qasira tal-kummerċ marittimu fil-Mediterran u bis-sehem li kellha Malta f'dak il-kummerċ; hu fisser għaliex din il-Gżira tagħna kienet mill-ewwel żminijiet il-qofol tas-safar fil-Baħar Ġewwieni u semma l-aqwa ġrajjiet u l-eqqel battalji fuq il-baħar li b'xi mod jew ieħor, messew lil din il-Gżira tagħna, u baqa' sejjer sa dan iż-żmien li aħna fih bit-taqlib fit-teknika, fin-navigazzjoni u fl-istrateġija li qegħdin naraw issa.

Is-Sur Cremona jidher li dam jaħdem ħafna biex ħassel u ġabar dan it-tagħlim u t-tagħrif kollu, u wieħed jista' jaħseb li din il-ħidma tiegħu swietlu bosta tiftix u stħarriġ f'kotba fuq in-navigazzjoni qodma u ġodda. Jidher ukoll li hu qagħad bis-sabar kollu jlaqqat kull tagħrif minn fomm il-baħħara u n-nies tax-xatt u dawk li jaħdmu fil-bini u fit-tiswija tal-bastimenti, għax ħafna mill-informazzjoni li fih dan il-ktejjeb, hi ta' xejra teknika li jafuha dawk biss li huma mħarrġa fis-sengħa tal-baħar.

Dan it-tagħrif li ġabar Dr. Cremona kien għadu qatt ma deher fi ktieb għalih u fuq kollox hu ta' ħtieġa kbira; is-siwi ta' dan it-tagħrif iktar jikber aktar ma jgħaddi ż-żmien, l-ewwelnett għax bħalma kiteb l-awtur, is-sengħa tal-baħar qiegħda tieħu xejra ġdida u titbiegħed mill-għamliet tradizzjonali u folkloristiċi tagħha, bir-riżultat li dawk il-bċejjeċ tal-baħar qodma bl-armar u bl-attrezzamenti tagħhom, qegħdin kulma jmur jintesew; imbagħad wieħed għandu wkoll iqis din il-kitba bħala għajn ta' tagħrif għal dawk kollha li jixtiequ jitgħallmu jew jiktbu dwar bastimenti qodma u moderni, l-istruttura tagħhom u n-nies li jbaħħru fuqhom. Għalhekk din il-kitba titqies bħala studju dokumentarju, essenzjali għall-kultura Maltija.

Il-ktejjeb għoġobna kollu mill-bidu sa l-aħħar, iżda l-aktar li laqatna huma l-listi bit-Taljan u bil-Malti ta' bastimenti li jivvjaġġaw fil-Mediterran, dawk li kienu numerużi fiż-żminijiet imbiegħda, kif ukoll dawk li bdew jidhru fl-aħħar żewġ sekuli. Dawn huma listi bil-għaqal, kompliti kemm jista' jkun u ta' siwi kbir; huma dokumentarji kif ukoll utilitarji u tajbin bħala riferenza. Ma nafux kif l-awtur meta semma l-bastimenti qodma, ma ftakarx fil-feluka, dik il-biċċa tal-baħar tant komuni fil-Mediterran li saħansitra Dumas semma wieħed mir-rumanzi tiegħu għaliha, "*Il-Feluka*".

L-appendiċi dwar in-nomenklatura Taljana u Maltija ta' l-attrezzamenti u l-aċċessorji tal-bastimenti hi mudell ta' riċerki bil-għaqal u bit-talent. L-awtur fir-riċerki tiegħu wera kapaċità u deskriminazzjoni, hu għażel biss dak li jgħodd għas-suġġett tiegħu u li jeħtieġ għall-qarrej; hu ma għamilx bħal ħafna li jikkupjaw dak kollu li jigi għal idejhom bla ma jsaffu l-meħtieġ minn dak li ma jiswiex għal dak li jkunu jiktbu fuqu.

Biex dan l-istudju jkun komplit għal kollox, l-awtur ġieb ukoll mudell jew figura tal-bastiment u dgħajsa bil-listi ta' l-ismijiet Taljani u

Maltin halli l-qarrej jara b'għajnejh il-ħaġa li jaqra fuqha.

Għal din il-biċċa xogħol li swietlu mhux ftit taħbil il-moħħ u stħarriġ, l-awtur ħaqqu kull tifħir u nixtieqi nagħmlulu l-kuraġġ biex jissokta jagħni l-glossarju Malti bħalma għamel b'dan il-ktieb. Prosit!

G.

---

## "X'GHADDA MINNI FL-EWWEL GWERRA DINJIJA" u "MY LETTERS FROM THE FRONT" ta' Monsinjur Dun Edgar Salomone H.C.F. Lux Press, Malta, 1964.

Il-Monsinjur Salamone għamel ħaġa sewwa meta kiteb dawn iż-żewġ kotba fuq dak li għadda minn għalih fi żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija, u aħna żguri li l-qarrejja kollha jieħdu pjaċir b'dawn iż-żewġ kotba kemm bħala ġrajja ta' dik il-gwerra, u kemm bħala dokument tal-ħajja avventuruża ta' Dun Edgar.

L-Ewwel Gwerra Kbira issa tbiegħdet ħafna u ftit huma dawk li jiftakru dak iż-żmien ta' qilla u qirda li ħakem fuq l-Ewropa u laqat ukoll lill-Gżira tagħna. Ħafna Maltin kienu fl-armati ta' l-art u tal-baħar u servew fiz-zoni tal-battalji. Bosta daħlu fil-"Labour Corps" u marru Salonika u oħrajn kienu l-Mesopotamja u l-pajjiżi l-oħra tal-Lvant Qrib. F'din il-kitba il-qarrej jieħu idea tal-ħidma tas-servizz kif ġarrabhom Fizzjal Malti li kellu r-rank ta' Kaptan Kappillan.

Dun Edgar mhux bniedem li jagħmel biss dak li għandu jagħmel u ma jimpurtah minn xejn iżjed, iżda hu wieħed li jinteressa ruħu fix-xogħol tiegħu, jaqdi dmiru bi ħrara u jipprova dejjem li jkattar u jkabbar dak li jindaħal għalih. Il-ħidma tiegħu hu jibdilha f'missjoni, iseddaqha bl-entużjażmu tiegħu u jagħniha bil-personalità tiegħu. Għalhekk hu għamel suċċess kull fejn kien bħala qassis, bħala kappillan u bħala fizzjal.

Dawn iż-żewġ kotba huma xhieda tat-taħbit u tat-tħabrik ta' Monsinjur Dun Edgar Salamone fiż-żmien li dam fl-Armata, fejn għamel suċċess u fejn qeda dmiru bħala Ministru t'Alla u bħala Fizzjal tar-Re.

G.

---

## TWISSIJA EDITORJALI

**Xtaqna għal darb'oħra nwissu lill-kontributuri ta' kitba f'IL-MALTI biex ma jibagħtux għall-pubblikazzjoni manuskritti ta' proża jew versi li ma jkunux miktubin jew ittajpjati ċari.**

**Dan l-aħħar waslulna xi artikoli u versi ittajpjati b'tipi mdennsin, bla karattri Maltin jew għallinqas b'ittri Maltin immarkati bil-linka. Din il-ħaġa qiegħda tiswielna ħafna xogħol żejjed u telf ta' żmien fir-reviżjoni u korrezzjoni tal-manuskritti u bozzi ta' l-istampa. ...**

**Jiddispjaċina ngħarrfu li mil-lum 'il quddiem manuskritti ta' oriġinali għall-istampa li ma jkunux miktubin jew ittajpjati ċar, u skond dak li titlob l-ortografija Maltija, ikollna nwarrbuhom.**